# Leħen il-Malti

MAĦRUĠ

MILL-GĦAQDA TAL-MALTI (UNIVERSITÀ)

ROYAL UNIVERSITY OF MALTA
JUNIOR COLLEGE

MA KIENX IKUN HEMM ILSIEN MALTI
KIEKU MA KIENX HEMM ĠENS MALTI

IT-XXXIII SENA 1964 GĦADD 7

# LEHEN IL-MALTI

IT-XXXIII 1964 GHADD 7

DAN IL-GHADD FIH:

Ġ. AQUILINA: *Taħdita ma' Aristotile fuq it-Traġedja* – DUN LAWRENZ CACHIA: *Kif Niftakar lil Dun Karm* – J. CAMILLERI: *Saraband* – TARCISIO CINI: *Hdejn iċ-Ċimiterju ta' l-Addolorata f'Novembru; Lil Missierna San Pawl* – A. CREMONA: *Dan huwa jien; Margaret A. Murray* – V. FENECH: *Fil-Mewt ta' Nannti* – W. Ph. GULIA: *In-Nies* – B. V. PRIVITERA: *Rose!* – A. P. VELLA, O.P.: *Qisien taż-Żmien u Tiswir tad-Dati* – Bro. VICTOR, F.S.C.: *Tnehid* – J. ZAMMIT MANGION: *L-Element Soċjali f'Dun Karm* – J. ZAMMIT TABONA: *Dun Karm.*

## IN-NIES

### Ta' W. Ph. Gulia

Kos in-nies kemm huma ħelwin! Ma tista' tafda lil ħadd. Quddiemek tgħidx x'ma jagħmlux biex taħsibhom ħbieb tiegħek; imma mbagħad wara dahrek, ħoll xagħrek u ġib iż-żejt. Naħseb li waħda mill-iktar ħwejjeġ li biha jbatu ħafna emigranti Maltin hija li fil-pajjiż ġdid fejn marru jgħixu ma jistgħux jiltaqgħu malajr mal-ġirien biex igħadduha jtaqtqu fuq in-nies. Fil-fehma tiegħi ħmar hu min jati każ tan-nies.

Mela xi ftit taż-żmien ilu kont imradt ftit ikraħ. Kieku taf in-nies kemm taqtqu u qalgħu fuqi: qatluni, keffnuni u saħansitra difnuni. B'daqshekk ma ġara xejn la għadni hawn u tan-nies qatt ma tajt każ. Li dejjaqni kien in-nuqqas ta' prudenza tagħhom; għax sakemm ilabalbu biex igħaddu ż-żmien, billi ħafna minnhom qatt ma jagħmlu xejn u għalhekk għandhom żmien x'jitilfu kemm iridu, dik affari tagħhom; imma li jdejqu 'l dawk ta' madwarek u 'l qrabatek biex jaqtgħu l-kurżità jew biex ikunu jafu l-aħħar aħbarijiet biex jagħmlu figura tajba, mingħalihom, fil-kafejiet, mhux sew. Isimgħu daqsxejn dawn il-ftit praspar li sirt naf bihom meta bdejt infieq. Bħal dawn min jaf kemm oħra li ma wassluhomlix.

Mela fir-raħal fejn toqgħod ommi, kienet qiegħda ddoqq agunija. Kien hemm xi ħadd miskin, wasal fl-aħħar. Fil-pront, kien hemm xi ħadd mgħaġġel sew, qabad u fetaħ il-bieb ta' barra tad-dar ta' ommi u b'ħanġra daqshiex beda jistaqsiha jekk l-agunija kenitx għalija. Xi prudenza, hux! Ara li kieku lil ommi kienu ħbewlha b'dak li kien ġrali kemm konna niġu sbieħ! Imma, x'jimporta għall-kurżitajr? L-aqwa li nqeda; li seta' jlablab

fil-vojt; li seta' jintefagħlek fuq iz-zuntier tal-knisja tar-raħal u b'sidru miftuħ u b'sigarrett f'idu iredden l-aħbarijiet kif jafhom hu, jekk mhux ukoll jilgħablek xi mħatra!

Ieħor mar għand ziti u bl-għaxwa ta' swied il-qalb li kellu fuqu għax ġejt nieqes jien (minn għalih! Il-Bambin jeħlisna) taha l-għomor! Dik miskina nħasdet. Fejn naf: kellha l-bieb ta' barra miftuħ beraħ u r-rediffusion u d-dawl elettriku, għaddejjin bħas-soltu bis-sittin mil fis-siegħa. Qabdet iċċempel lil uliedha ħalli tara sew il-biċċa kif kienet. B'xorti tajba wieħed minnhom kien għadu kif ġie jarani u kien jaf li ħallieni tajjeb u li konna ċċajtajna flimkien mhux ftit. B'dana kollu, għax la jdaħħlulek fellus f'rasek mhux għalkemm taqalgħu barra ma serraħx rasu qabel ma ċempilli u sema' leħni, għax wara dehxa bħal dik ma kienx biżżejjed li jieħu aħbari minn għand il-qraba. Prudenza, eh? U jingħad li wara bawxata bħal dik u t-tbaqbiqa u t-telefonati li kienu saru kemm kemm ma riedx il-galantom jibqa' jgħid li kont stendut u li kien jaf ukoll il-ħin li kellhom jiġu għalija għad-difna. Imniegħel kemm xtaqni tajjeb min kien xerridhieli! Kellux xi demgħa ta' xi kukkudrill iġġelben ma' ħaddejh ukoll meta qalagħha?

Imma naħseb li l-isbaħ waħda hija din: Darba minnhom għar-rieq għar-rieq ċemplet waħda sinjura biex tara kif għaddejt. Hadet iċ-ċempila l-mara u ħaġa naturali staqsiet min kien qiegħed jitkellem. Is-sinjura tatha isimha – isem li la marti u l-anqas jien ma għarafna. Taħsibx li s-sinjura tattelefon ikkonfondiet meta rat li ma bqajniex impressjonati biha? U ara ma tmurx taħseb li infixlet meta sabet li ma kenitx ikkunsidrata bħala midħla tad-dar tagħna u għalhekk ma kien imissha qatt qabdet it-telefon biex taqta' l-kurżità tagħha. Kiesħa, kiesħa, malajr introduċiet ruħha bħala t-tali sinjura li kull filgħodu tkun f'ċerta mejda tiċċaċċra u tgħaddi ż-żmien tagħha prezzjus tlablab f'kafè prinċipali tal-Belt. Min leħinha kemm kemm ma riedetx tati x'wieħed jifhem li qegħda tagħmilli unur tati l-aħbarijiet fuqi mit-tron tagħha fil-kafè li semmejna lil dawk kollha li bħalha għandhom ħin x'jaħlu fil-kafejjiet.

Praspar bħal dawn juruk kemm ma tridx tieħu għan-nies. Kulħadd ifantas, u l-fantasija jagħmilha l-verità tal-ħajja. Darb'oħra, u allura kont qlibt għat-tajjeb sew, u għalhekk stajt nibda nidħak bija nnifsi, meta ġie jarani t-tabib għedtlu b'dawn il-praspar u qalli oħra hu: Kienu sabuh, qalli, dak in-nhar stess, u staqsewh jekk kienx minnu li hu u t-tobba l-oħra li kienu rawni kienu rabtuni fil-ġibs minn rasi sa saqajja u dendluni minn għonqi u riġlejja mat-travi ta' kamarti. Ara kemm riduni tajjeb, l-insara ħuti, ulied San Pawl! La ma kontx imdendel kif xtaquni dħakt bil-praspura u bejni u bejn ruħi tħassart lil min kien wera lit-tabib tiegħi kemm kollu sentimenti ta' mħabba Nisranija lejn għajru.

Il-Malti, li għal qwiel marbutin mal-ħajja ma hawnx min igħaddih, ħoloq qawl sabiħ ħafna li biċ-ċiniċiżmu kollu jfisser il-filosofija tal-ħajja li għandha x'taqsam man-nies. 'Hadd ma jaħsillek wiċċek biex tidher isbaħ minnu.' Naħseb li ftit hawn qwiel minnhom daqs dan. Tfaħħrek in-nies sakemm ma tarax fik xi ħadd li jista' jiksrilha sieqha jew jeħdilha postha. U kemm tgħaddi malajr mbagħad in-nies biex tgħid 'miskin' jew 'miskina'. Tant hija mhejjija n-nies biex tgħid miskin jew miskina meta tara li xi ħadd ġratlu xi disgrazzja, li dak li jkun bil-kemm ma jaħsibx li n-nies tħoss għalih tabilħaqq. Imma llum nagħraf missieri kemm kellu tassew filosofija tal-ħajja tajba. Niftakar qisu l-bieraħ, fuq il-mejda tal-ikel meta ġieli bdejna xi diskussjoni fuq l-imġieba tal-ħajja, b'liema ħerqa kien ifisser li meta n-nies tfaħħar lil xi ħadd bħala raġel, jew bħala li hu min tagħna dak ikun biss ifisser li dak li jkun hu ħmar, joqgħod għal kollox tidħak bih kif trid. Dari kont nitmasħan mhux ftit nisma' filosofija tal-ħajja meħuda qisu kelma b'kelma minn Machiavelli. Illum li kilt mill-gvievet, u għaddejt tista' tgħid minn kollox, nagħraf kemm kellu raġun missieri, il-Bambin jagħtih il-ġenna! u li jgħidu x'jgħidu n-nies fuq il-filosofija ta' Machiavelli, – li hija ħażina, frotta projbita, nifhem li fost in-nies li l-iktar imaqdruha hemm dawk li jimxu fuqha b'għajnejhom magħluqa u li jibżgħu li l-innoċenti ser jiftħu għajnejhom u jeħdulhom il-monopolju li għandhom. B'daqshekk ma rridx infisser li Machiavelli ta lid-dinja xi filosofija sabiħa li twassal għall-qdusija. Xejn minn dan: ma nafx Machiavelli kienx biss jaħseb fuq il-qdusija, aħseb u ara kemm kien jafha u kemm kien ser jispjega l-irqaqat tagħha. U għax Machiavelli raġel ħażin kien, u għax ħażin, ħażin daqs tengħuda, u għax ħażin, kien jagħraf il-ħażen kif jinbet u jgħaddi 'l quddiem u fil-ktieb tiegħu *Il Principe* dak li ried jagħmel: ried jiftaħ għajnejn l-innoċenti biex jintebħu bl-ilpup ta' madwarhom; jurihom kif għandhom jagħmlu biex ma jibqgħux dejjem migdumin; kif kellhom jagħmlu biex itejbu l-qagħda tagħhom fuq l-art. Għall-Machiavelli – id-dinja l-oħra, jekk kienet teżisti, kienet 'il bogħod wisq, ħdejn id-dinja li mmissu b'idejna u naraw b'għajnejna, kull ħin kull jum. Min irid il-qdusija ma għandux għalfejn iħares lejn il-ktiba ta' Machiavelli. Min irid jifhem il-makakkerija tal-ħajja, x'tati u xi tfisser, u n-nies kif taħseb u għaliex taħseb kif taħseb, ma għandux jagħmel ħaġa oħra ħlief jonqox il-kitba tiegħu f'qalbu u jitgħallimha bl-amment. Imbagħad fl-aħħar mill-aħħar ma hemmx għalfejn nintilfu fil-kitba ta' Machiavelli: Mhux kull tifel jew tifla li jibdew jitfarfru jafu bla ma jdaħħlu f'rashom l-inqas dubju li 'billi, billu, billu, kulħadd jagħmel li jaqbillu' jew kif jgħid dan il-qawl iz-ziju tiegħi, 'l-ixkubetta għandha l-grillu, kullħadd jagħmel li jaqbillu'. U għalhekk iktar jidher ċar kemm kellu raġun mis-

sieri, Alla jaħfirlu! li meta xi ħadd minna kien jibda jgħid xi ħaġa fuq in-nies, kien jaħtfu mill-ewwel b'dan il-kliem: 'U ara dan biex ġej; għax ma tmurx taqbad xi ktieb f'idejk!' Parir aħjar minn hekk ma setax jatina, għal-kemm mgħallem ta' l-iskola ma kienx meta tqabblu ma' dawk kollha li jip-pretenduha li huma għorrief għax xejħu żgħożithom fil-kurituri mudlama tal-Università. U hawnhekk ta' min jiftakar kemm in-nies tagħna ma tridx taf bil-kotba u bil-qari. Ilabalbu fuq in-nies l-hena tagħhom minn tlugħek ja xemx sa nżulek; iżda mbagħad qatt ma għandhom żmien għall-qari! Meta ma ssibx ukoll xi moħħ battal li jgħidlek li l-qari ipeċpiċlek għajnejk, qisu li jkollok moħħ impeċpeċ mhux ħafna agħar milli jkollok għajnejk impeċpċa! Tassew li moħħna fieragħ aħna l-Maltin; ġnus oħra ħolqu l-ħsieb li daqsxejn ta' nuċċali magħmul artistikament iżid isebbaħ u mhux jgħar-raq id-dehra ta' min jilbsu; aħna ta' mħuħ żgħar bqajna mitlufin fil-ħsieb fieragħ tal-ġmiel għaddieni. Dan l-aħħar tassew ġietni ħasra meta ġie quddiemi żagħżugħ ta' xi sittax-il sena, ipeċpeċ għajnejh biex jara fejn sa jati pass, ferħan bih innifsu għax ma għandux 'stangetti ma' wiċċu'. Għalkemm it-tabib kien ilu snin li ordnalu nuċċali u kien iwissih biex jilbsu kull meta jaraħ, u għalhemm seta' jġibu b'xejn mingħand il-Gvern, baqa' mingħajru – *a happy fool.* Ma ħabbilx rasu li t-talkies ma setax imur u jara ċar bħal ħaddieħor; li ktieb ma setax jiftaħ b'idejh; li meta jimxi fit-triq kulħadd jitħassru. L-aqwa li n-nies ma tgħidx li għandu bżonn nuċċali.

Tagħtix każ tan-nies! Għax ma taqbadx xi ktieb f'idejk?

## ROSE!

*Warda demmija*
*Xofftejk bellusija,*
*Mera ta' mħabba*
*Li qatt ma tittabba'.*

*Tħammar fid-dija,*
*Int tfewwaħ fl-għaxija,*
*B'ħarstek ħanina*
*Ma ġenbek tħennina.*

*Kun l-għaxqa tagħna*
*Żomm ruħek ferħana,*
*Ftakar li ħieni*
*Għalik ħemm ġejjieni!*

4 ta' April 1964 B.V. Privitera

# KIF NIFTAKAR LIL DUN KARM

Ta' Dun Lawrenz Cachia

Konna ġejjin minn passiġġata twila. Ma niftakarx sewwa kemm konna, imma naf li konna ċorma ġmielna: ilkoll tfal bejn id-disa' u l-ħmistax-il sena, flimkien mal-Prefett tal-Mużew. X'ħin wasalna ir-raħal, ftit 'l isfel mill-Knisja tal-Grazzja, iltqajna ma' Dun Karm. Kien donnu sejjer jagħmel passejn hu wkoll, imma malli rana u tlabnieh iberikna, waqaf f'nofsna u aħna dorna dawra mejt madwaru.

B'dik il-ħlewwa tiegħu, li llum saret proverbjali, Dun Karm ried jaf ħafna xorti: mnejn ġejjin, x'qed nitgħallmu l-Mużew, nafux x'ifisser il-*Verbum Dei* u l-bqija. Imbagħad ħa spunt minn dak li għidnielu u beda jgħallimna xi ħaġa hu.

Illum, din li Dun Karm kien jieħu kull okkażjoni, żgħira kemm hi żgħira sabiex igħallem, saret bħal *cliché* li jsemmi kulħadd. Għal sħabi ma ken-itx hekk. Lil Dun Karm ma kenux jafuh wisq, u mill-banda l-oħra ma tantx kienu jiltaqgħu ma' qassisin li b'dik it-tjubija u b'dak is-sabar ta' Dun Karm jidħlu f'taħdita sempliċi u istruttiva magħhom.

Jien fosthom kont eċċezzjoni. Għaliex Dun Karm kien jiġi spiss id-dar u kont drajtu sewwa. Hu forsi ma kienx jinduna kemm kont ninnotah għaliex kien jarani żgħir. Tant kien igħoddni b'tifel li xi drabi kont nersaq inqerr għandu u ma kienx jagħtini assoluzzjoni, għaliex kien jidhirlu li d-dnub-iet li kont ngħidlu ma kienu jkunu dnubiet xejn.

B'dankollu kont nosservah ħafna. L-ewwelnett għaliex kont nara l-isem tiegħu fuq il-kotba, u dak iż-żmien kont naħseb li biex jidher ismek fuq ktieb trid tkun kbir ħafna. Barra minn hekk, oħti l-kbira, li kienet tifhem għaliex kienet tgħallem l-iskola tal-gvern, kienet tfaħħru ħafna lil Dun Karm.

Kien minħabba din oħti li Dun Karm sar jafna. Malli ġie rifuġjat f'paj-jiżu, Ħaż-Żebbuġ, waħda mill-ewwel ħwejjeġ li xtaq jagħmel kienet li jwaqqaf il-*Legion of Mary* fir-Raħal. Mar mawra sa l-iskola tal-Gvern u staqsa jekk hemmx xi 'teacher' li trid tgħinu jwaqqaf din l-Għaqda ta' Apostolat. Oħti li kienet dejjem mehdija bl-affarijiet tar-ruħ u li kellha stima kbira lejn Dun Karm, laqgħet l-istedina tiegħu minnufih. Hekk beda f'Ħaż-Żebbuġ il-Presidium tal-*Legion* li Dun Karm għoġbu jagħtih l-isem *Refuge of Sinners*. Għaliex Dun Karm għażel dan l-isem ma niftakarx sew-wa. Forsi t-taħlit u l-*black market* li kienet ġabet il-gwerra kienu im-

pressjonawh ħafna. Niftakru għaddej b'daqsxejn ta' bagalja f'idu, sejjer jittallab li jbigħulu ftit għaġin, għaliex bħal ħaddieħor kien isofri l-għaks

Hu x'inhu, il-grupp ta' xebbiet li kienu nġabru madwar Dun Karm meta waqqaf il-*Legion* f'Ħaż-Żebbuġ, kienu jagħtuk l-impressjoni ta' kollox barra minn ta' midinbin. Kienu tfajliet mill-aħjar, u l-kelma ta' Dun Karm kompliet tejbithom. Oħti llum hija soru Dumnikana, u fil-professjoni Dun Karm ma naqasx li jiktbilha żewġ versi għal fuq is-santi. Dawk il-versi, għalkemm forsi mhux mill-aktar ispirati li kiteb, għadni ngħożżhom ħafna, bħalma ngħozz ħafna daqsxejn ta' ktieb tal-Knisja li Dun Karm kien ta lil oħti u li fuqu kien kiteb, jew aħjar pitter, daqsxejn ta' dedika li fiha sejħilha *zealous President of the legionary Praesidium 'Refuge of Sinners'.*

Għalhekk il-Poeta Nazzjonali kien jiġi d-dar; joqgħod bil-qegħda fl-intrata u jiddiskuti ma' oħti x'jista' jsir fil-*Legion.* Imma d-diskussjoni kienet aktarx tkun miftuħa għal kulħadd, jew aħjar għall-familja kollha. Wara l-*Legion* kważi dejjem kien isemmi l-lingwa Maltija u l-poeżija, l-iżjed il-poeżija tiegħu. Għadni niftakru jispjega l-etimoloġija ta' l-isem *Imsida* u jgħid li ġej mill-kelma *sajda* u mhux minn *Omm Sidna,* kif jaħsbu xi whud. Ngħid għalija ta' *Omm Sidna* għoġbitni iżjed, u bilkemm ma ppretendejtx li Dun Karm, bħala qassis, għandu jżomm din l-etimoloġija!

L-etimoloġija kien iħobbha ħafna, għalkemm fiha kien iżjed dilettant milli duttur. Kien iħobb ukoll ifisser l-ismijiet ta' dak li jkun. Hekk lil oħti ta' warajja, (illum bħal Dun Karm nispera li qiegħda l-ġenna), qagħad ifissrilha li *Ġemma* tfisser ħaġra prezzjuża. 'Isem sabiħ', qalilha qisha għażlitu hi.

Ħafna stejjer oħra qalhom lil ħaddieħor ukoll, u diġa nkitbu, bħal per eżempju, l-episodji prinċipali ta' tfulitu u żgħożitu, u l-oriġni ta' ċerti poeżiji u innijiet fosthom it-*T'Adoriam,* li kien jinsisti li fiha ħjelijiet ta' l-għana Malti.

Dak li ma ninsa qatt huwa l-influss taż-żjajjar ta' Dun Karm fuq l-imħabba tiegħi lejn il-poeżija, speċjalment lejn il-poeżija tiegħu stess.

Nista' ngħid, bla ma nibża' li niżbalja – għalkemm forsi nibża' li qed niftaħar – li l-poeżiji ta' Dun Karm kienu bdew jintisġu sewwa mal-ħajja tal-familja tagħna. Huti u jiena konna tgħallimna ħafna minnhom bl-amment, u konna anke nkantawhom fuq il-melodija ta' xi *song* Ingliża jew Taljana. Meta ma nsibux melodija oħra konna ngħannuhom *la maltija.* Anke ommi kienet ittieħdet minn din il-marda u, waqt li kienet tkun b'dirgħajha sodi fil-ħasla tal-ħwejjeġ, erħilha ttenni b'leħen ikkontrollat (mhux bħal tagħna) *L-Ajruplan,** u poeżiji oħra.

*L-isem tal-Poeżija huwa: *Qalbieni.*

Dik ta' l-*Ajruplan* kienet wisq adattata għal dak iż-żmien, għaliex it-twerdin minn fuq rasna ma kien jaqta' xejn. Għal qalbna ħafna kienu l-Poeżiji ta' l-*Għaxra ta' Frar* għaliex tgħallimniehom minn fuq daqsxejn ta' ktejjeb (*L-Għaxra ta' Frar* jew *Hmistax-il Warda li Nibtu Fejn Rifes San Paul*) li kien tahulna Dun Karm innifsu.

Barra mid-dar, lil Dun Karm niftakru fil-Knisja ċkejkna, imma tassew devota, tad-Duluri, fejn kien iqaddes fiż-żmien li dam rifuġjat Ħaż-Żebbuġ.

Niftakru jdur wara l-Vanġelu u jispjega lin-nies li ma għandhomx jitolbu jgħajjtu, biex ma jtellfux lil ħaddieħor. Kien irid ħemda kbira waqt li jkun iqaddes. Imma x'ħemda ħemda! Ma' ġenb il-Knisja kien hemm pitkalija, u dak iż-żmien, fuq werqa ta' pastarda, il-vendituri kienu jagħmlu plejtu sħiħ. Imma Dun Karm il-parti tiegħu għamilha, għaliex darba, la naf qabel u anqas wara il-Quddiesa, mar f'nofs il-vendituri tal-ħaxix u qalilhom li, waqt li jkun qed isir is-sagrifiċċju tal-quddiesa żewġ passi bogħod minnhom, għandhom iġibu ruħhom aħjar.

Hekk kien Dun Karm: bniedem li kellu ħila jersaq fuq kulħadd mingħajr suppervja u mingħajr mistħija żejda. Kien jemmen f'dawk li llum insejħulhom kuntatti personali.

Il-poeżija għalih ma kenitx ħabiba għajjura li għalqitu f'torri ta' l-avorju. Għal kuntrarju, ħafna drabi kien jinqeda bil-poeżija stess biex jagħmel ftit tal-ġid. Jekk kont tgħidlu li ma tantx tħossok titlob tajjeb, malajr kien iġiblek kopja tal-poeżija-viżta lil Ġesù Sagramentat li tibda *X'Hajr sibt fina, ja Mulejja.* Kellu ħafna kopji stampati tagħha, u minnhom kien tana xi ftit.

Il-poeżija għal Dun Karm ma kenitx ħaġa sabiħa fiha nnifisha biss, imma wkoll 'medium'. Niftakru jgħid – kien jgħidha bl-Ingliż – li ta' sittax-il sena, il-kliem kien sikwit joħroġlu f'versi: *When I was sixteen, I used to speak in verse.*

Meta wasal biex jitlaq mir-Raħal, ħassejt għafsa ta' qalb, u ta' tifel li kont ma stajtx nifhem għaliex kien se jħalli Raħal twelidu. Illum li qed nikteb dawn il-kelmtejn 'il bogħod minn Ħaż-Żebbuġ nifhem aħjar. Nifhem ukoll illi mhux veru 'bogħod mill-għajn, bogħod mill-qalb'. Bħal ħafna proverbji oħra, dan il-proverbju huwa spiss giddieb.

Dun Karm baqa' iħobbu lil Ħaż-Żebbuġ, u għalhekk ried li l-fdal tiegħu jibqa' merfugħ hemmek – l-akbar teżor li, wara driegħ San Filep, għandhom iż-Żebbuġin.

# L-ELEMENT SOĊJALI F'DUN KARM

Ta' J. Zammit Mangion

Wahda mir-raġunijiet li għalihom Dun Karm kien u jibqa' magħruf bħala *l-Poeta Nazzjonali* hija s-sensibbiltà u s-sentimenti għolja li wera lejn kull klassi Maltija, lejn kull xogħol u lejn il-ħajja tal-Maltin. Għalkemm ħafna huma l-kittieba li ħadu l-ispirazzjoni tagħhom minn, jew ineklla is-servew bil-ħajja Maltija, ħadd daqs Dun Karm ma wera wisa' u profondità, intwizzjoni u riflessjoni, apprezzament u ispirazzjoni daqsu. Għax Dun Karm kellu qalb sensittiva u għajnejn li japprezzaw, kien jaf jifli l-irqaqat kollha b'mod li ħadd ma kien jaf jesprimihom bħalu, u iktar minn dan jgħolli dak li jkun qiegħed jgħanni fuqu fi stat sublimi li jista' jiġi biss minn bniedem li tassew iħoss u jagħraf dak li jkun qiegħed jgħid.

Kittieba oħra Maltin li semmew il-ħajja soċjali Maltija kienu fost oħrajn Temi Zammit u Ġużè Bonnici. Tal-ewwel hu magħruf għan-novelli kważi-folkloristiċi tiegħu u għall-istil li mexxielu jħaddem b'tant sengħa u qawwa. Temi Zammit, iżda, x'aktarx li meta jirrakkonta l-istejjer tan-nies tar-raħal jatihom dik id-daqqa umoristika li għalkemm iġġegħelna niggustawhom ma tqajmilna l-ebda sentimenti nobbli lejhom. Helwin kemm huma ħelwin *Ċensa u ċ-Ċine, ir-Rebħa ta' Pupull* u *Il-Gideb Għomru Qasir*, iktar nieħdu gost bl-istil milli bil-ħajja li kienu jgħixu r-raħħala u l-kampanjoli Maltin. Ġużè Bonnici, fir-rumanz tiegħu *Helsien*, ipinġilna xeni tassew sbieħ tal-ħajja tal-kampanja, u l-kuntrasti bejn il-kampanja u l-ibliet – ħajja ta' Malta tal-1930 – iżda bħal Temi Zammit ma jasal qatt biex iġegħelna nħobbu dik il-ħajja iktar minn oħra.

Kittieba oħra x'aktarx iwaqqgħu għaċ-ċajt is-soċjetà Maltija. Hekk jagħmel Mamo fir-rumanz *Ulied in-Nanna Venut*, u Dun Ġużepp Farrugia bir-rakkonti poetiċi tiegħu fuq in-nies tal-irħula. Imbagħad ġie li nsibu li min irid jgħolli l-ħajja Maltija x'aktarx jittrataha minn lat anakronistiku, bħal ma jagħmel A. E. Caruana fit-tieġ taż-Żurrieq f'*Inez Farruġ*, u Ninu Cremona f'ħafna kostumi folkloristiċi fid-dramm *Il-Fidwa tal-Bdiewa*.

Dun Karm huwa bin ir-raħal. Twieled f'Ħaż-Żebbuġ wieħed mill-akbar irħula ta' Malta u wieħed mill-aktar antiki. In-nies ta' dan ir-raħal, fi żmienu forsi iktar mill-lum, kienu bdiewa, ħaddiema u neguzjanti. Dun Karm trabba magħhom u minnhom xorob dawk il-pedamenti tal-personalità raħlija – ix-xenqa għal-ħajja kwieta u paċifika, il-konservatismu, l-idjoma mimlija qwiel, tixbihat u riflessjonijiet, u fuq kollox il-ħajra għaż-żmien

ta' osservazzjoni, kontemplazzjoni u filosofizzazzjoni – li tant insibuhom fil-poeżija tiegħu. Meta laħaq qassis, beda jgħallem is-Seminarju, u wara laħaq Biblijotekarju, kellu jmur joqgħod fl-ibliet qrib ix-xogħol u qrib dik is-soċjetà li l-iktar li kellu x'jaqsam magħha. Iżda huwa ma nesiex dawk l-idejat li bihom kien trabba. Għall-kuntrarju baqa' miġbud wisq lejn il-ħajja rżina, innoċenti, bla sofistikazzjoni, tal-kampanja, u jgħidilna hu stess li kull meta kien ikollu ftit taż-żmien kien imur igawdi dik il-ħajja kontemplattiva b'ġirjiet fil-kampanja.

Ma rridux wisq biex nindunaw li Dun Karm baqa' nfluwenzat ħafna mit-trobbija tiegħu u li baqa' jħobb l-antik. Ħafna jaħsbu li Dun Karm ġralu hekk għax kien qassis, u hija drawwa tal-qassisin li jaraw fl-imgħoddi ħajja iktar feliċi u twajba minn dik tal-present. Iżda jien ma naħsibx hekk. Min jgħix u jitrabba fil-kampanja qalb in-nies tar-rħula jsir iħobbhom, jitgħallem minnhom, jammirahom, jgħix il-ħajja tagħhom, u għalkemm wara ċ-ċirkustanzi jitbiddlu u jbiddlulu l-ħajja superfiċjali tiegħu, qatt ma jinfdulu fil-fond u jilħqu lil qalbu. U qalb Dun Karm ukoll baqgħet imħawla fil-kampanja u l-ħajja rżina tar-raħal.

Għal Dun Karm kien hemm żewġ soċjetajiet f'Malta: in-nies tar-raħal li huma l-veru Maltin mhux mittiefsa mis-sofistikazzjoni, u l-ħajja tan-nies tal-belt x'aktarx superfiċjali, inqas imrawma fil-filosofija iktar titbiddel malajr, li ma tistax issejħilha verament Maltija. Għalhekk jiġri li spiss Dun Karm jiddejjaq fl-ibliet u jitniehed:

*Ifthuli dawn is-swar ħa noħroġ barra,*

.........................

*Ma rridx nara l-uċuħ imqarrsa, imbergħna,*
*Ta' nies imdejqa li jitħaddtu wħudhom,*
*Jew nies għażżiena li titlajja u taħseb*
*Kif tgħallet 'l għajrha.*

U l-importanti hu li ħafna Maltin jaqblu miegħu. L-istess mar jgħanni l-Prof. A. Cuschieri fil-poeżija tiegħu fuq l-Ilsien Malti... "kif dari l-belt, u llum fl-irħula". Il-Maltin iħossu u jafu li l-ħajja tal-ibliet mhix il-vera ħajja tagħna l-Maltin, u l-vera soċjetà tinsab fin-naturalezza tagħha fl-irħula.

Min ikun imxennaq mill-ħajja ta' żmien żgħożitu spiss jerġa' jqajjimha fil-memorja, jissublimaha, jimmoralizza fuqha, jipprova jgħixha fl-immaġinazzjoni tiegħu, u jgħożżha bħal ma tifel jgħożż ġugarell għal qalbu. Din l-għożża hija qawwija ħafna f'Dun Karm u barra li hu jfaħħar il-ħajja tal-kampanja bl-ogħla versi u ħsebijiet poetiċi, juri sengħa tal-għaġeb

fl-osservazzjoni ta' l-inqas irqaqat hekk li tisthajjel li dik il-ħajja hi biċċa minnhu. Fil-poeżiji tiegħu *Lin-Nissieġa, It-Tifla tar-Raba', Lid-Dielja, Haddiem* u *Kennies* Dun Karm tant juri ħila u apprezzament fis-sengħa tal-insiġ, tal-biedja, tal-barrieri u tal-kenniesa li tisthajlek qiegħed tidħol fis-sentimenti u l-ħsus ta' dawn in-nies. F'*In-Nissieġa* għandna deskrizzjoni mill-aktar milquta fuq ix-xogħol tan-newl li tisthajlek qiegħed taħdem int stess, u wara din, il-poeta jgħolli s-sengħa ta' din il-ħaddiema billi jagħmel ir-riflessjoni "Iżjed hu bnin il-ħobż jekk qlajtu b'ħiltek". F'*Lid-Dielja,* għandna l-konservatiżmu tal-bdiewa maqful fi ftit kliem: "Forsi mhix ċajta: mhux għax hekk kien darba / Hekk jibqa' dejjem". U f'*It-Tifla tar-Raba',* barra t-tagħlima xierqa tal-bżulija ta' din it-tifla l-poeta jgħidilna:

*Jien rajtek kemm-il darba u għirt għall-qawwa*
*Ta' dirgħajk u riġlejk, ja bint ir-raba';*
*Rajtek bienja u daħkana s-sjuf u x-xtiewi*
*Tbakkar u tisbar*
*Fix-xogħ'l tal-biedja bla ma smajt minn fommok*
*Kelma li tmaqdar din is-sengħa, inkella*
*Tnebida li, bla kliem, turi wisq tajjeb*
*Fil-qalb x'bemm moħbi.*

Għalkemm Dun Karm ma tantx kien iħobb il-ħajja tal-ibliet, dan ma jfissirx li ma kienx iħobb lil min fihom hu bieżel u ħabrieki – min, fi ftit kliem, għandu l-istess xejra tan-nies tal-irħula. Kien minn tal-ewwel li kiteb *Innu tal-Haddiema,* li r-refrajn tiegħu hu mibni fuq l-ideja tax-xogħol li kellu l-poeta:

*Alla ried kull ġid ixerred*
*Tal-ħaddiema ġewwa l-ħdan:*
*Fuq wiċċ bieni l-għaraq jixraq*
*Bħal djamanti f'ras sultan.*

Barra l-biedja u x-xogħol, Dun Karm daħal ukoll fil-qofol tal-ħajja Maltija – il-familja. F'Malta, fejn il-familji għadhom magħqudin, u r-rabtiet ta' bejn l-aħwa għadhom sħaħ, id-dar hija ċ-ċentru tas-soċjetà. Hawnhekk jingħaqdu l-imħabba u r-reliġjon, ix-xogħol u s-serħ, it-trobbija u t-tagħlim. Dun Karm innifsu trabba f'familja mill-aħjar, u bħala ħaġa mill-aktar għall-qalb il-Maltin ma satax hu wkoll ma jfaħħarx il-familja Maltija. Fil-poeżija twila *Otia Estiva* insibu kwadri mill-isbaħ tal-ħajja li kien jgħix fil-familja Dun Karm, u x-xeni li jsemmi hu, mill-logħba tar-*rammy* wara l-ikel, sar-rużarju ta' fil-għaxija, huma biċċa mill-ħajja Maltija ta' kull jum.

Fil-poeżija *Id-Dar*, juri l-għaqda bejn il-familja f'dawn il-kelmiet:

*Omm! Missier! Aħwa jinħabbu!*
*Fikom ħena tas-smewwiet.*

u minn hawn il-poeta jkompli jgħanni sakemm jilħaq l-ogħla sentimenti liriċi fis-sunett *Univers iehor* fejn

*minn dak l-univers ta' tieba u dija*
*Li jiddi ħelu fuq il-wiċċ tal-mara*
*Alla jixref u jidħak lit-tarbija.*

Il-poeżija ta' Dun Karm hija mimlija kwadri tal-ħajja ta' kuljum u ta' kostumi Maltin. Saħansitra minn daqsxejn ta' poeżija bħal ma hi *Lis-Sigarett* insibu kelmiet nostalġiċi iżda f'waqthom bħal ma huma "Boxsa Dubec, u x'naf jien". Dun Karm jgħanni wkoll lill-Għonnella li jsejħilha "Għata u ġieħ tan-nisa tagħna / Nisel l-eqdem żmenijiet". Imbagħad għandna kwadri iktar fit-tul f'*Il-Vjatku* fejn il-poeta jiddeskrivi bl-ikbar sengħa, fost ħwejjeġ oħra, ix-xama' tixgħel minn wara t-twieqi, it-tfal għaddejjin fil-purċissjoni bil-fanali, u n-nies wara s-Sagrament tgħid l-orazzjonijiet. Fil-poeżija *Spes Ultima* għandna, indirettament, deskrizzjoni milquta tax-xjuħ tal-kampanja li għalkemm milwijin bis-snin jibqgħu iterrqu matul it-toroq tar-raħal:

| | |
|---|---|
| *Tiela,* | *Tiela',* |
| *ġenbejh milwija,* | *Għajnejh fil-ħofra jgħarrex* |
| *taħt it-toqol tas-snin* | *donnu jfittex id-dawl,* |
| *...............* | *...............* |

*Tiela',*
*fit-triq jinsama'*
*in-nifs imgħaġġel u l-leħġa ta' sidru.*

Saħansitra il-versi

*Ħalli iżjed ma narawx fuq xatt gżiritna*
*Minn dgħajjes qodma u maħmuġin jitferrgħ*
*Taparsi nbid li minnu l-ebda qatra*
*Ma taf id-dielja.*

Dun Karm kien jifhem fl-inbid, għax missieru kien neguzjant tiegħu, u barra minn dan kien kemm-il darba jisma' x-xjuħ igergru fuq il-magħmudija ta' dan ix-xorb! L-emigrazzjoni nistgħu ukoll insejħulha parti mill-kostum soċjali ta' Malta. Il-gżira tagħna jkollha tibgħat 'l uliedha 'l bogħod

minn arthom biex ifittxu x-xogħol, iżda kemm il-Maltin li jibqgħu hawn, u kemm dawk li jsiefru huma marbuta b'rabta qawwija u l-poeta tagħna ma jistax ma jidħolx fil-qalb ta' emigrant Malti u jesprimi dak li jħoss barra minn pajjiżu b'dawn il-kelmiet:

*Għalxejn bejni u bejnek imewweġ il-baħar*
*Ja xtajta sabiħa fejn jiena twelidt;*
*Għalxejn ġrajja ġodda, qawwija, tal-għaġeb,*
*Ibegħdu dik l-għodwa li minnek infridt;*
*Int dejjem titajjar fil-għoli ta' ħsiebi*
*Ja gżira maħbuba, fil-hena, fil-hemm;*
*Int dejjem ġo qalbi tkun l-egħżeż tifkira*
*Sa kemm din il-ħajja li tajtni tintemm.*

Iżda l-iktar deskrizzjonijiet milquta fuq il-kostum Malti jinsabu fil-poeżija twila *Otia Estiva*. Hawnhekk il-poeta jiddeskrivi kif iqatta' u x'jara ma tul ġurnata tas-sajf li fil-għodu jgħaddih f'San Pawl il-Baħar u fil-għaxija f'San Ġiljan, u din il-poeżija, barra milli hi mimlija deskrizzjonijiet tal-ħajja tad-dar, fiha wkoll ħafna kwadri tal-ħajja Maltija f'dawn iż-żewġ villeġġjaturi. Fost l-oħrajn ta' min isemmi in-nies miġbura madwar id-dgħajjes tal-ħut f'San Pawl il-Baħar, il-logħob tal-boċċi f'San Ġiljan, il-karrozzi, il-passiġġati matul ix-xtajta, u saħansitra il-*Club Aquatic* fejn hemm id-daqq li jiġbed ix-xebbiet u l-ġuvintur!

Il-ħajja fil-belt ġiebet lil Dun Karm f'kuntatt dirett ma' ħafna nies u qalb ħafna okkazjonijiet. Għalkemm il-kostumi tal-ibliet ma tantx kien iħobbhom, bħal ma naraw fil-poeżija *Warda li Tgħid Ġrajjietha, Xenqet ir-Raba'*, u *Lil Malta tal-Lum u Għada*, iżda madankollu Dun Karm ma nqatax mis-soċjetà. U għalhekk insibuh jikteb u jiddedika poeżiji lil ħafna ħbiebu poeti, studenti u familjari. Kiteb ukoll ħafna poeżiji tal-okkazjoni mitluba lilu minn qassisin li ħadu l-ordinazzjoni tagħhom, għaqdiet reliġjużi, u okkazjonijiet oħra bħal dawn. Iżda fost din l-attività soċjali ta' Dun Karm ta' min isemmi żewġ kategoriji. Dun Karm kiteb ħafna poeżiji b'tifħir lil qaddisin protetturi tal-ibliet u l-irħula tagħna. U lejn San Pawl wera ħeġġa speċjali, u għal ħafna snin wara xulxin ma qata' qatt li jinseġ għanja reliġjuża u patrijottika, iżda li ferm togħġob lis-sentiment Malti fl-istess ħin. It-tieni kategorija ta' poeżiji li nistgħu insejħulhom ukoll soċjali huma dawk li jfakkru f'xi avveniment storiku jew importanti fil-ħajja ta' Malta. Inħallu barra l-poeżiji patrijottiċi tiegħu imnebbħin mir-rebħa tal-Assedju l-Kbir; jibqgħalna madankollu oħrajn bħal *Wara Ħamsa u Għoxrin Sena* – li hi deskrizzjoni minquxa mill-aħjar ta' dak li ġara fil-Kungress Ewkaristiku 1913; għanja lil Malta fil-għoti tas-*Self-Government*

tal-1921; u s-sunett psikoloġiku umoristiku *Il-Gass* li juri dak li kien qiegħed jiġri Malta meta kienet qed tħejji ruħha għall-gwerra.

Ir-reliġjon hi parti essenzjali mill-ħajja soċjali tal-gżira tant li l-ull tant ma tistax tgħid fejn il-waħda tibda u l-oħra tispiċċa. Aħna għaddejna xi poeżijiet reliġjużi mal-kategorija ta' poeżiji tal-okkazjoni, iżda fil-poeżija tiegħu Dun Karm daħħal ħafna l-element lokali hekk li l-ħsebijiet, ir-riflessjonijiet u saħansitra t-tixbihat u l-idejat spiss jeħodhom minn xeni u sentimenti lokali. Interessanti ħafna, per eżempju huwa l-fatt, li Dun Karm ma jissellifx l-idejat mill-barranin, u għalkemm huwa poeta klassiku, ma jixbaħx lill-klassiċi barranin fit-toqol ta' stil mimli mitoloġija. Għall-kuntrarju hu jintrabat ma dak li hu purament Malti, u l-isbaħ mertu tiegħu huwa li kellu l-ħila jesprimi idejat l-iżjed għoljin u filosofiċi f'poeżija bħal *Jien u Lilhinn Minnu* f'termini u b'tixbihat li huma għal kollox lokali.

Mill-banda l-oħra, huwa uża l-poeżija biex tagħni lis-soċjetà Maltija, u hawnhekk jieħdu l-importanza soċjali tagħhom dawk il-ħafna innijiet sbieħ li hu kiteb, bħall-*Innu ta' Fil-Għodu, Innu ta' Fil-Għaxija, Naduraw Ja Ħobż tas-Sema, Qalb Imqaddsa ta' Ġesù*, li għadhom sal-lum jitkantaw fil-knejjes, jiġu mgħallma fl-iskejjel, u saru parti integrali mill-ħajja ritwali tar-reliġjon tagħna.

Il-poeta meta jilħaq livell għoli jiġi mhux biss apprezzat mill-poplu, iżda jservi bħala gwida u mexxej tas-soċjetà. Fi żmien il-gwerra li għaddiet, Dun Karm kien sur qawwi tal-Maltin u wera l-istess dehen u sentimenti nazzjonali bħal ma wera fil-ġlieda tiegħu u sħabu fi żmien il-ġlieda għall-Ilsien Malti. Bil-poeżija patrijottika tiegħu, mhux biss għanna l-kuraġġ ta' niesna u saħħaħhom u qawwielhom qalbhom fit-taħbit tagħhom, huwa wkoll esprima s-sentimenti tal-poplu speċjalment fis-sunett tiegħu *Lil Malta wara elfejn attakk.*

Iżda, jidhirli jien, li daqs jekk mhux iktar minn dawn l-elementi li semmejna, Dun Karm kien affaxxinat u fl-istess ħin entużjażmat mill-progress tax-Xjenza li sar fi żmienu. U huwa eżattament hawnhekk fejn Dun Karm il-bniedem tar-raħal jinqata' u jgħix il-ħajja tal-belt. Ma ninsewx li Dun Karm twieled fis-seklu l-ieħor, meta kważi d-dinja kollha u speċjalment hawn Malta, kienet għadha fil-bidu tar-rivoluzzjoni xjentifika. Dun Karm għex fi żmien meta f'Malta la kien hawn karrozzi u lanqas dawl elettriku; meta l-bastimenti kienu għadhom kemm qalbu mill-qlugħ għall-faħam; meta l-ajruplan, ir-*radjo* u ċ-*cinema* kienu għadhom fantaxjenza. Hu ra l-*breakwater* jinbena, il-karrozzi tan-nar jieħdu l-post tal-ħmir u ż-żwiemel, il-ferrovija u t-tram; ra jinbena l-pont tal-*Harper Area*, u t-toroq jitwittew bl-asfalt; ra jitwaħħlu l-bozoz fit-toroq u fid-djar, it-twaqqif tal-arbli u

s-sistema tat-*telefon*; il-miġja tat-*talkie*, ir-*radjo*, it-*television*, u l-ajru plan. Ra progress enormi fl-edukazzjoni u fis-sengħa; ra wkoll tibdil fundamentali fil-ħajja ċivili, politika u reliġjuża tal-Maltin. Hadd daqsu ma għadda, fil-ħajja u fil-kitba tiegħu, minn daqshekk avvenimenti, ħlief forsi Ninu Cremona, Ġużè Muscat Azzopardi, Temi Zammit u Prof. Cuschieri.

Iżda, bħal ma għidna qabel, trid tkun tħoss il-polz tal-ħajja u mhux tgħix fis-sħab u fil-passat biex tiġi mnebbaħ minn ħwejjeġ kontemporanji u toħloq poeżija li tirrifletti l-ħajja soċjali ta' żmienek. Il-poeta ta' żmien Dun Karm kienu għadhom qegħdin jitħabtu biex isibu versifikazzjoni u stil poetiku, u x'aktarx li kienu medhijin fil-klassiċiżmu ta' sekli qabel; il-kittieba tal-prosa kienu x'aktarx mitfugħin fuq il-*folklore*, hekk li ħadd ħlief Dun Karm ma mexxielu jimxi maż-żmenijiet u jagħtina kwadri poetiċi-storiċi ta' dan l-aspett tal-ħajja Maltija.

Insibu li l-Progress x'aktarx kien iħasseb il-poeta. F'waħda mill-ewwel poeżijiet li kiteb insibu lil Dun Karm imħasseb fuq it-tibdil tal-ħajja u jgħid hekk:

*Ix-xjuħ li kellna dari*
*Kellhom xi qawl bħal dan:*
*Asaħħ kelmet il-Malti*
*Minn fehmet is-sultan.*

*Iżda xi nies ta' żmienna*
*Dal-qawl ma jemmnux bih*
*Għax il-Progress jgħallimhom*
*Iduru ma' kull riħ.*

U fil-poeżija *Malta tal-lum u Għada* jitbekka: *Kont il-ġawhra tad-dinja u sirt bħall-miżbla.* L-istess ħsieb huwa mtenni fil-poeżija *Progress* fejn il-poeta jgħid li *sejrin lura bħal qobru.* Iżda jekk nosservaw sewwa insibu li l-poeta jinsab imħasseb fl-etika, fil-morali u fil-valuri tal-ħajja tas-soċjetà l-ġdida (donnu l-ispirtu konservattiv tal-bidwi qiegħed iqum kontra s-sofistikazzjoni tal-ibliet), fil-waqt li f'dak li għandu x'jaqsam ma' progress materjali u mixi 'l quddiem tax-xjenzi, l-invenzjonijiet, u l-kumditá tal-ħajja, Dun Karm kien progressiv ħafna. Infatti, il-poeżija xi ftit pessimista *Progress* tagħlaq f'versi li ma għandhom x'jaqsmu xejn ma dak li ntqal iktar il quddiem:

*Imma għandna l-ajruplani*
*It-talkie, l-wajarless,*
*Evviva s-seklu tagħna,*
*Is-seklu tal-progress.*

Minn xi waqtiet lil Dun Karm insibuh immeraviljat minn dan il-progress tax-xjenza. Deskrizzjoni tajba ta' dan insibuh fid-daħla tal-poeżija *Il-Musbieħ tal-Mużew,* fejn il-poeta juri l-kobor tal-bniedem li sar mgħallem tal-univers. L-iktar li jolqtok huwa kif jimexxilu jiddeskrivi poetikament lid-dawl elettriku:

*U seraq id-dija*
*Li tagħmel in-nar*
*U rsira rabatha*
*Bir-ram u l-azzar;*

*U jekk isejħilba*
*Mingħajr telf ta' żmien*
*Minn qalb id-dlam twieġbu*
*'Arani: hawn jien'.*

Meta wieħed jiftakar kemm studja Dun Karm bid-dawl tal-lampa tal-pitrolju, jew inkella bix-xama', nistgħu napprezzaw iktar dawn il-versi.

Fil-progress tal-iżvilupp tal-bastimenti, Dun Karm ġie ispirat biex jikteb il-poeżija *Tbaħħir* fejn hu jagħti l-istorja tat-tbaħħir u jispiċċa jgħid:

*id-dinja saret pajjiż wieħed, spieda*
*il-bogħ'd...*

Fuq ir-radjo, Dun Karm jgħid:

*Iġġibli meta rrid, f'leħħa ta' berqa,*
*mill-ibgħad artijiet l-ilħna ta' ħuti,*
*u nisma' bħal imsaħħar*
*lil kull wieħed fi lsienu;*
*iġġibbli d-daqq u l-għana*
*Li Wagner, Gounod, Ponchielli u Gomez*
*nisġu flimkien...*

Iżda l-iżjed ħaġa li għaġġbet lil Dun Karm, bħal ma għaġġbet lil Maltin ta' żmienu, kienet l-arjuplan. L-arjuplan kien l-aqwa nvenzjoni tas-seklu ta' Dun Karm, ħaġa li l-Maltin żgur li qatt ma kienu jobsruha l-iktar meta fis-superstizzjoni tagħhom kienu jassoċjaw it-titjir ma' *nies tas-setta u sħaħar.* iżda l-arjuplan ġie, u mal-arjuplan, milli jidher, daħlet ukoll l-indipendenza taż-żgħażagħ. Fejn dari l-misserijiet u x-xjuħ kienu jikkmandaw u jordnaw, issa żgħażagħ bil-qlubija tagħhom ħadu r-riedni f'idejhom u dehru bħala *champions* tad-dinja moderna. L-istess ħsieb tenna ħafna wara il-poeta Ġorġ Pisani fil-brindisi tiegħu *L-Għid taż-Żgħożija.* Dan il-ħsieb ukoll, għalkemm iktar irżin u mrażżan jgħanni l-poeta fil-poeżija tiegħu *Qalbieni,* u f'dawn il-versi jgħanni l-għoġba u l-ammirazzjoni tiegħu għall-invenzjoni l-ġdida:

*Narah jittajjar*
*eħfef mir-riħ*
*Jixraf minn sħaba*
*għal oħra jżiġġ*
*jarġa' jistaħba*
*biex jarġa' jfiġġ,*
*Jogħla fuq denbu*

*jiċkien, jiċkien,*
*sakemm ma jibqa'*
*jidher imkien...*
*It-tvenvin jieqaf...*
*kaqbdek bħal bard*
*tistħajlu nieżel*
*jitkisser fl-art.*

*Iżda fis jarġa'*
*jibda t-twerdin*
*U... ġwienħu araħom*
*ħemm mifruxin*

.. ... ... ... ... ...

Dun Karm huwa verament dak li l-kritiku jgħid għall-arti 'a mirror of his age'. Il-bniedem li tana l-versifikazzjoni, id-dizzjoni kif ukoll l-ogħla u l-aqwa poeżija ta' lsienna, kien ukoll il-mera tas-soċjetà ta' żmienu, u fetaħ it-triq lil poeti l-oħra ta' warajh biex jimxu fuq l-istess idejali tiegħu. Ġorġ Pisani, Patri Delia, Ġużè Chetcuti u saħansitra Rużar Briffa juru l-istess sentimenti, l-istess aspetti soċjali li ħaddem l-ewwel darba Dun Karm, il-poeta tas-soċjetà Maltija.

## DUN KARM

*Meta niftakar fik, qassis qalbieni,*
*U nara l-ġmiel u l-għerf ta' l-għanja tiegħek,*
*Nitkabbar li fit-triq ħabbejtek kmieni*
*U ktieb id-dawl dikment ħabbibni miegħek.*

*Nibqa' narak fl-imħabba, wens tal-ħajja,*
*Fil-ġmiel tal-ward, tas-sħab, tal-baħar tagħna,*
*Fix-xtajta, fil-widien, fil-għerf bil-qtajja',*
*U fil-qalb bienja min tat-tfal daħkana;*

*Fl-egħlieqi qodma ta' missirijietna*
*U d-drawwiet tagħhom; u fil-ġens qalbieni*
*Tal-gżira mxemxa, l-omm li wisq ħabbitna,*
*Fil-lwien tax-xefaq ta' filgħodu kmieni.*

*Għannej Nisrani, kewkba ewlenija,*
*Werrej fid-dlam tal-lum, kewkba Maltija.*

15.x.62.

J. Zammit Tabona

## HDEJN IĊ-ĊIMITERJU
## TA' L-ADDOLORATA F'NOVEMBRU

*Fis-sema l-qamar tala' mingħajr dija,*
*Inħeba ġo sħabiet mill-lewn l-irmied,*
*U fost il-leħħ tal-beraq ġeġwiġija,*
*Jidwi r-ragħad ikarwat ġewwa l-wied.*

*Jinstama' leħen kiebi kollu mriegħed,*
*Jaqsam id-dalma, jiġri kullimkien,*
*Tistħajlu ta' xi ruħ bla wens titniehed,*
*Tfittex, tgħarrex ħerqana bla waqfien.*

*Jibki ċ-ċipress fuq l-oqbra llum minsija,*
*Jibki fis-skiet fuq il-ħerba taż-żmien,*
*Għax qatt jiftakar hena, jiem xemxija,*
*F'dal wied id-dmugħ iġelben mingħajr tmiem.*

*Hawhekk sultana l-mewt bil-minġel f'idha.*
*Qatt ma tintrebaħ, l-ebda bniedem sidha.*

TARCISIO CINI

## LIL MISSIERNA SAN PAWL

*L-Imħabba għall-Imgħallem, dik il-Herqa*
*Waddbitek fuq ix-xtajta tal-Maltin,*
*U fost ir-ragħad wil-beraq rajt il-għarqa,*
*'Mma qawwi tlajt, imħeġġeġ bit-twemmin.*

*U b'Fidi ħajja wrejt it-triq tas-sewwa,*
*Għamilt mirakli, fdejt għadd kbir ta' nies,*
*Għallimtna nagħrfu 'l Alla b'għerf, bil-ħlewwa,*
*In-nies ħabbewk, ħabbewk għall-snin bla qies.*

*O Pawlu, Pawlu! Henn għall-Gżira tagħna,*
*Ħarisha mit-tempesti ħarxa u qliel,*
*Le, qatt titlaqna, ibqa' dejjem magħna,*
*Kun int it-tarka, rażżan il-Qattiel.*

*Kif il-velenu ħadt minn ħalq il-lifgħa,*
*Erġa' s-semm eqred, f'Artna reġġa' d-dija.*

TARCISIO CINI

## TNEHID

*Għaddej mill-mogħdija*
*Ta' ħajti moħbija,*
*Għajnejja mistura*
*Biex le nħares 'lura,*
*Smajt leħen jitnieħed*
*Bħal jitlob kien qiegħed:*
*"Urini t-triq tiegħi,*
*F'imħabbti 'mxi miegħi!"*

*Qalb safja kellmitni,*
*Fi triqti sabitni...*
*Kif nista' le nisma'*
*Min fija qed jitma,*
*Min minni jistenna*
*Xi kelma tal-Ġenna*
*Biex jimxi fl-imħabba*
*W ir-ruħ qatt ma jtabba'?*

*Għażilt darba w sewwa;*
*Stmerrejt jien kull dnewwa.*
*Weġibt liż-żgħożija*
*Li trid tafda fija,*
*Li magħha nitqabad,*
*Għaliha nitħabat,*
*Niġġieled, nissara,*
*Neħlisha mill-ħsara.*

*Ruħ ħelwa sibt f'idi*
*Mogħnija bil-Fidi,*
*Qalb safja, mistħija,*
*B'imħabba mimlija...*
*Għożżejtha, tħassartha,*
*Ħabbejtha, saħħartha...*
*Saħħartha għal warajja*
*F'dil-ġlieda tal-ħajja.*

4 ta' April 1964 — BRO. VICTOR, F.S.C.

SARABAND

*Niftakrek snin ilu*
*Bħal blanzun imbexxaq,*
*Hajjart bil-fwieħa l-friefet*
*Li mxennqa ttajru ferħana madwarek.*
*Bi kliemhom ħelu u mirqum*
*Faħħru sbuħitek.*
*Mitlufa fl-imħabba, stedinthom*
*U ħallejthom mgħannqa miegħek*
*Iduqu l-bnin għasel ta' fommok.*
*Imkabbra bi ġmielek*
*Tlift is-satra;*
*Ma bżajtx għal ġiehek*
*U għaddejt snin bla rażan fit-tbaħrid.*
*Waqajt f'ilsien in-nies.*
*Minn għalik li sibt il-hena.*
*Għax demm iż-żgħożija*
*Ġo sidrek sħun baqbaq,*
*Skirt fl-imħabba,*
*U ma ntbaħtx li hi qarrieqa*
*U tieħu biss għall-għajb.*
*Fil-ħajja tiegħek mgħaġġla*
*Ma kellekx żmien għalija.*

*Għaddew u gerbbu s-snin*
*U l-lum fik ħasra.*
*Iġġibli ħniena nħares lejn*
*Dawk ħaddejk ta' mewt mixruba.*
*Għajnejk, darba xrara nar*
*Jilmgħu u jaqbżu bil-ħeġġa,*
*Issa mitfija u mgħammxa,*
*Jixhdu l-mard li qed jherrik*
*U bil-mod il-mod jifnik.*
*Is-sbuħija bħal warda*
*Li toħroġ mix-xewk.*
*Issaħħar u tgħaxxaq*
*U hi isbaħ minn ward ieħor;*
*'Ma qasir għomorha,*
*Titbiel, tinxef u malajr*

*Ma' l-art titfarfar.*
*Xejn issa ma baqagħlek!*
*L-imgħoddi għalik ħolma*
*Ta' tifkiriet mistmerra.*
*Dawk li bi kliemhom ħlejju*
*U bit-tbissim fieragħ ta' xofftejhom*
*Ġibduk warajhom,*
*Issa nsewk.*
*Fejn dari jfissdu u jżegħlu bik*
*Il-lum li ġmielek tlift,*
*Ċaħduk*
*Għax fik ma rawx ħlief mara.*
*Hekk tagħti d-dinja!*
*Tinsa malajr!*
*Dak li aktar ma teħtieġx*
*Tistmerr u twarrbu.*

*Qalbi teħbirni*
*Li t-tmiem tiegħek mhux il-bogħod.*
*Tħarħir sidrek iħassibni*
*U l-bixra tiegħek sfajra*
*Tregħdni u tkexkixni.*
*Nixtieq kont nista' nferrħek*
*U narak mill-ġdid daħkana*
*Bħal meta kont snin ilu.*
*Dik ħarstek tbeżżagħni.*
*Tlift it-tama,*
*Herritlek il-mibegħda 'l qalbek,*
*Sħett lil min ġabek fid-dinja...*
*M'għandex għalfejn!*
*Mut ħienja u lid-dinja aħfer.*
*Taħsibx li kulħadd warrbek*
*U ħadd ma jaħseb fik.*
*Bla heda ħabbejtek*
*U meta t-tokki jħabbru*
*Li wasal it-tmiem*
*Biex tħalli warajk dan l-hemm,*
*Nibki għalik biki tad-demm.*

J. CAMILLERI

## FIL-MEWT TA' NANNTI

*U rasha tbandlet ħlejju,*
*U n-nifs żammilha f'daqqa,*
*Ma triegħdet ebda fibra:*
*Kien ġie l-mistrieħ li ħaqqha!*

*Intemmet l-agunija*
*Tul tmint ijiem imkarkra;*
*Holma ta' tmenin sena*
*Intemmet hekk imfarrka.*

*Wiċċha ħa dawl ta' hena,*
*Ta' rebħa fuq l-uġigħ;*
*Fejn qabel maskra tilbeġ*
*Issa mistrieh, mistrieh.*

*Orqod, għażiża, orqod,*
*Spiċċa issa l-hemm u x-xewk;*
*Issa mistrieh u barka*
*U talb minn dawk li bkewk.*

*Jalla l-Missier ta' ġensna,*
*Li jħenn għall-midinbin,*
*Ikollu ħniena minnek*
*U jgħoddok mat-tajbin.*

*Għax hemm l-ogħla ġustizzja,*
*Fis-saltna tas-smewwiet,*
*F'debret il-ħallieq Alla*
*Qalb l-isbaħ dwalijiet!*

VICTOR FENECH

## DAN HUWA JIEN

(*Mill-Għarbi ta'* HATIM IBN ABDALLAH – *maqluba għall-Malti mill-Franċiż*)

*Ja Mawwija, kull ġid li tatna d-dinja*
*jgħaddi bħal dawk li ġew tard mix-xagħri:*
*jaslu fil-għodu, jitilqu fil-għaxija;*
*tagħhom fi-sahra tibqa' biss tifkira.*

*Qatt aħna, ja Mawwija, ma weġibna*
*lil min ġie jitlob il-għajnuna lilna:*
*"Ibqa' sejjer għal triqtek: aħna wisq fqar*
*biex nagħtu lilek minn dal-ġid li għandna."*

*Ah! meta, ja Mawwija, wara mewti*
*tiġi l-kokka tittajjar madwar qabri,*
*bil-għatx taħt it-trab, ikolli jiena ħdejja*
*dak il-ġid kollu li rekkint jien f'ħajti?*

*Għalhekk jien ġidi kollu rrid inqassmu*
*lil dawk in-nies li jeħtiġuh f'ħajjithom;*
*il-ġuħ taffejtu, u dak il-gozz għana*
*ma jkun jiswieli xejn hemmhekk ħdejn rasi.*

*Għal bosta jiem batejna l-għaks u l-ġuħ,*
*nokorbu taħt il-għajb ta' ħajja fqira;*
*minn dawn iż-żewġt ikwies id-dinja sqietna:*
*qalbna issa trid li ġidna nqassmuh kollu.*

*Nota:* HATIM IBN ABDALLAH mill-qabila ta' TAY. Għax għeluq is-Sitt Seklu. Kien ix-xempju tal-ħajja qadima Għarbija; kien daqshekk magħruf għall-qalb ħanina u ġeneruża tiegħu li wara mewtu x-xewwiela u l-fqar baqgħu jżuru għal żmien twil il-qabar tiegħu fejn kienu jistkennu. Bħala tifkira, ħdejn il-qabar tiegħu, kien inżamm il-kaldarun il-kbir li minnu kien joffri l-ikel lil dawk in-nies li kienu jmorru għandu.

13.IV.1964 A. CREMONA

# TAHDITA MA' ARISTOTILE FUQ IT-TRAGEDIJA

Maħsuba minn Ġ. AQUILINA

ARISTOTILE: Il-ħsieb tiegħek bħal kalamita ġibidni lejk minn ġod-dinja ta' l-erwieħ u arani hawn fejnek biex inwieġeb għall-mistoqsijiet tiegħek.

JOSEPHUS: Imma, ngħid jien, kif stajt ġbidtek fejni mid-dinja ta' l-erwieħ jekk jiena lanqas ma nafek?

ARISTOTILE: Ma tafx wiċċi. Imma qalbi u moħħi tafhom ħafna. Int taf kif naħsibha jiena, u qabel ġejt hawn fejnek int kont qed taħseb f'dak li ktibt jien ...

JOSEPHUS: Ma nagħmlux li int ...

ARISTOT: Jiena hu Aristotile, id-dixxiplu ta' l-għaref Platun ...

JOSEPHUS: Ja għaref tal-għorrief, mela inti ruħ, ruħ dak il-filosofu li l-għerf tiegħu libbes il-għerf ta' San Tumas, li għamel Nisranija l-filosofija tiegħek ... dak l-għaref li studja taħt Platun u ilu nieqes mid-dinja aktar minn elf u sitt mitt sena ... ġieh u kobor tal-Greċja? ... Imma, ngħid jiena, x'għamilt biex qlajtek minn fost l-erwieħ u ġibtek hawn fejni?

ARISTOT: Inti qrajt it-trattat tiegħi fuq sengħet il-kitba, u f'qalbek ftaħt djalogu bejnek u bejni, kollox ġo moħħok, tistaqsi u twieġeb int għalija ... sa ma ħassejt ħierġa minnek ħerqa hekk kbira li ġibditni minn fejn kont u niżżlitni fejnek.

JOSEPHUS: X'qawwa fuq il-wisa' wiż-żmien għandu mela l-ħsieb biex laħqek u wasal fejnek wara dawn is-sekoli kollha ... U issa fejn int? ... Qiegħed fl-art, f'din id-dinja bħali?

ARISTOT: Le, Josephus, jiena qiegħed f'moħħok. Żmien u wisa' ma humiex realtajiet li ma jitbiddlux. Huma biss impressjonijiet li jitbiddlu mat-tibdil li ġġarrab il-personalita tal-bniedem. Imma ħallina minn dan, Josephus, għax ma rridx narġa' naqbad il-filosofija li ktibt fuqha meta kont għadni fl-aqwa ta' moħħi f'Atene ... Nitħaddtu fuq dak li ftit ilu kont qed taħseb ... Arġa' aqbad il-ktieb tiegħi u saqsini dak li tixtieq taf ...

JOSEPHUS: Niżżik ħajr, Aristotile ... l-egħref bniedem tad-dinja. Int, naħ-

seb, taf ukoll li jien inħobb ħafna l-letteratura u l-palk. Għoġobni ħafna dak li ktibt fuq it-Traġedja ... Imma, ngħid is-sewwa, kieku tħaffifli l-kliem wil-ħsibijiet li fissirt naħseb li nżomm iżjed f'moħħi dak li ridt tgħallimna ...

ARISTOT: Bil-qalb kollha. Saqsini ...

JOSEPHUS: L-ewwel ma rrid insaqsik hu "kif bdiet it-traġedja fost il-Griegi ..." Jiena ammiratur kbir ta' Eskilu, Sofokle u Ewripide.

ARISTOT: Meta niftakar f'Atene, il-belt tal-Ġenju ta' pajjiżi u żmieni inħoss il-ħlewwa ta' tifkiriet l-aktar sbieħ ... Imma dak kien fi żmien u f'wisa' ieħor ... kienet impressjoni tal-moħħ ... realtà li għaddiet bħal ħolma ... Imma l-aħjar inwieġeb minnufih għall-mistoqsijiet tiegħek biex ma nħallix it-tifkiriet ta' l-imgħoddi jagħilbuni wara daqshekk snin ... Int taf bil-Grieg? ...

JOSEPHUS: Nistħi ngħid li l-Università ta' Malta fi żmieni ma kellhiex katedra tal-Grieg ...

ARISTOT: Kif, damu daqshekk barbari wlied il-Gżira li laqgħet fiha lil Telemaku? ... Trid taf kif bdiet it-traġedja fost il-Griegi? Ismagħni. L-ewwelnett la saqsejtni kif bdiet it-Traġedja fost il-Griegi taf li l-Greċja hija l-benniena ta' din l-għamla ta' kitba? Saqsejtek tafx bil-Grieg għax il-kelma traġedja hija mibnija minn żewġ kelmiet li flimkien ifissru kif bdiet din l-għamla ta' kitba fostna. Iż-żewġ kelmiet huma *Tragos* li tfisser "mogħża" u *ode* li tfisser "għanja" — it-tnejn flimkien ifissru "L-Għanja tal-Mogħża".

JOSEPHUS: L-Għanja tal-mogħża? U x'jidħlu l-mogħoż fit-traġedja?

ARISTOT: Jidħlu ħafna — il-mogħoż tinsiex taw isimhom lil din il-għamla ta' kitba drammatika. Ara kif: Fost l-allat, il-Griegi kellhom wieħed jismu Bakku, alla ta' l-inbid u tal-kotor, bin Żews, minn martu Semele, bint Kadmus, sultan ta' Tebe. Fil-festa tiegħu l-Griegi l-qodma kienu joqtlulu mogħża bħala sagrifiċċju u mbagħad il-qassisin wil-miġemgħa ta' nies kienu jinfexxu jgħannu għana sabiħ (*ode*) bħala tifħir lil Bakku li kien magħruf bl-isem ta' Dijonisju. Qed tara issa kif il-kelma Traġedja ġejja minn żewġ kelmiet li it-tnejn flimkien ifissru "Għanjet il-Mogħża?"

JOSEPHUS: Ħaġa li qatt ma għaddiet minn moħħi ... U mbagħad?

ARISTOT: Il-qassisin wil-miġemgħa lkoll ikantaw flimkien jew qatgħa qatgħa jwieġbu lil xulxin, kienu l-bidu ta' dawk il-kori li taqraw fit-traġedji Griegi.

JOSEPHUS: Mela nistgħu ngħidu wkoll li l-kori kienu l-ġebel li fuqhom inbniet it-Traġedja l-Qadima?

ARISTOT: Qed tgħid sewwa għax hekk hu. Il-kant tal-qassisin u tal-miġemgħa kien l-ewwel xejra tal-kori, wil-kori kienu mbagħad l-ewwel sisien tat-Traġedja ...

JOSEPHUS: Dawn il-kori jagħmlu effett sabiħ. Nista' naħseb x'idea ta' ġmiel u kobor kienu joħolqu fil-moħħ ta' dawk li kienu qed jaraw it-traġedja.

ARISTOT: Il-kori kienu jgħinuhom jifhmu iżjed il-ġrajja, l-aktar l-element soprannaturali jonkella xi ġrajja li kienet issir 'il bogħod mix-xena ...

JOSEPHUS: Hekk hu. Imma naqbel imbagħad, li l-kori ma kinux għadhom igħoddu iżjed għat-traġedja kif nafuha aħna llum. Taf int, id-drammi tagħna llum jinqasmu f'atti; dari f'ħames atti, illum fi tlieta jew erba' atti, u f'att wieħed ukoll.

ARISTOT: Qed tgħid sewwa. Imma jibqa' minnu li l-kori kienu jaqblu mad-dramm Grieg. Kienu l-parti l-aktar sublimi tad-dramm, megħjuna mid-daqq ta' strumenti li ħlewwithom kienet issebbaħ il-ġrajja u l-iżvilupp tagħhom.

JOSEPHUS: Qed niftakar li għalkemm il-mużika bħall-kori spiċċat mid-dramm modern, il-mużika għad għandha post importanti fid-drammi li jsiru fit-*talkies* – dawk it-teatri li jaħdmu x-xeni ħajjin bl-għajnuna tal-fotografija. Meta naraw film, il-ġrajja nisimgħuha l-ħin kollu akkompanjata bil-mużika. Imma fid-dramm il-kor wil-mużika jtellfu. Mhux hekk?

ARISTOT: Itellfu kif qed tgħid int, għax id-dramm Grieg ma kienx jinqasam f'atti bħad-dramm tal-lum. Kien jibqa' sejjer u flok l-atti wix-xeni maqsuma bl-inżul tal-purtiera kif tagħmlu intom, il-ġrajja tad-dramm Grieg kienet tinqasam bil-kori – kor bejn ġrajja u oħra, kori u mużika.

JOSEPHUS: Kos, qed naħseb li flok tlifna l-kor għal kollox stajna żammejnieh għall-intervalli. Kien iserraħ lill-udjenza u joħloq effett poetiku qawwi.

ARISTOT: Dak li qed tgħid kien ikun igħodd għal drammi serji li b'xi mod kienu jixbhu lil tagħna – *King Lear* u *Macbeth* jew *Julius Ceasar* ta' Shakespeare, biex niftehmu, – imma mhux għal drammi li fihom jidħlu nies ordinarji – nies u ġrajjiet mill-ħajja ta' kuljum. Taf int, it-traġiku Grieg kien ifittex il-majestà sew tas-suġġett kemm tat-trattament.

JOSEPHUS: Qed ngħid sewwa ħafna. Kien hemm kittieba moderni bħal Shelley, Matthew Arnold u Swinburne li ipprovaw iqajjmu l-majestà tal-kor Grieg. Imma l-mentalità tan-nies tbiddlet wil-kor Grieg ma rnexxiex. Forma ta' kor Grieg modernizzat, biex ngħid hekk, daħħal T.S. Eliot fil-*Family Reunion*. Imma l-atmosfera estetika hija wisq diversa minn dik tal-kor Grieg.

ARISTOT: Naqbel ma' dak li qed tgħid.

JOSEPHUS: Imbarra l-kori kien hemm xi żviluppi oħra fid-dramm Grieg?

ARISTOT: Imbarra l-kori li kienu jinqasmu fi *Strofi* u *Antistrofi* kien hemm wkoll bejn kor u ieħor ir-reċitazzjoni ta' versi poetiċi.

JOSEPHUS: Idea tajba ... Nisthajjel dawn il-versi kienu jserrħu lill-kantanti u kienu jehdew iżjed is-semmiegħa ... Min daħħal dan l-użu?

ARISTOT: Daħħlu Thespis li għex għall-ħabta tas-seklu sitta qabel Kristu, u, mela, xi tlitt sekoli qabli. Thespis nistgħu nqisuh il-Fundatur tad-Dramm Grieg. Kien hu wkoll li barra li daħħal ir-reċta tal-versi invinta maskra tal-għażel biex l-attur kien ikun jista' jaħdem aktar minn parti waħda; invinta l-prologu wid-djalogu u, nistgħu ngħidu wkoll li invinta l-ewwel forma ta' palk – primitiv kemm trid, l-aktar għaż-żmenijiet tagħkom, imma dejjem bidu ...

JOSEPHUS: X'għamel mela?

ARISTOT: Lill-attur biex ikun jista' jidher fl-istess għoli mal-kor, għamillu mejda li kien jitla' fuqha. Din il-mejda biż-żmien ħolqot l-idea tal-palk ... Ħamsin sena wara, Eskilu daħħal it-taħdit bejn tnejn min-nies, bejn żewġ atturi, u ħariġhom fuq il-palk biex igħidu xi storja, xi ġrajja jew iżidu xi għanja ... F'idejn Sofokle u Ewripide d-dramm Grieg ħa forma iżjed regulari ... fid-dinja wieħed jibni fuq l-ieħor ...

JOSEPHUS: Xi kemm wara Eskilu għexu Sofokle u Ewripide?

ARISTOT: Tidher li fi żmienek l-Università ta' Malta ma kellhiex katedra tal-Grieg Klassiku ...

JOSEPHUS: Jaħasra għandek raġun tistagħġeb, imma mhux ħtija tiegħi ... għall-anqas issa għandna katedra ... fl-aħħar kollox jasal ...

ARISTOT: Tajjeb. Ħallini ngħidlek mela. Sofokle twieled fis-sena 495 qabel Kristu, miet fis-sena 405, jiġifieri ta' 90 sena. Jaħasra mill-130 dramm li kiteb, waslulkom biss sebgħa – l-oħrajn intilfu. Ewripide twieled fis-sena 480 qabel Kristu u miet fis-sena 406, jiġifieri ta' 74

sena. Kiteb madwar 90 dramm u minnhom baqgħu jeżistu 18. Għal fejn Sofokle, mar aħjar maż-żmien.

JOSEPHUS: Tal-għaġeb dawn id-dramatisti Griegi. William Shakespeare kbir, imma għal fejn il-Griegi l-għadd tad-drammi tiegħu huwa wisq żgħir. B'kollox kiteb 37 dramm. Igħaddi lill-Griegi mhux fl-istil u lanqas fil-kobor imma fil-għadd ta' xogħlijiet id-dramatist Spanjol Lopez de Vega. Dan kiteb madwar 2,000 dramm, li minnhom fadlilna 430 wieħed imbarra 50 autos, jiġifieri drammi reliġjużi. Ma kitibx daqsu imma kiteb ħafna wkoll Calderon De La Barca li mid-drammi li kiteb fadlilna 118-il wieħed, imbarra 72 dramm reliġjuż.

ARISTOT: Jiena wkoll nistagħġeb bil-kwantità ta' drammi li sabu żmien jiktbu dawn iż-żewġ Spanjoli. Imma ma nkunx qed niftaħar iżżejjed b'pajjiżi jekk ngħidlek li għall-kobor tal-Arti Drammatika ħadd minnhom ma jgħaddi lill-Griegi. Shakespeare biss jersaq sewwa lejhom fl-originalità u s-saħħa tat-trattament tal-karattri għalkemm, imbagħad, huwa teknikament ħafna inferjuri għalihom. Imma ħallina minn dawn il-paraguni għax naħseb li hekk kif fi żmieni kulħadd kien iħoss għal pajjiżu, għandu raġun jew le, id-dinja wara das-snin kollha baqgħet xorta.

JOSEPHUS: Qed tgħid sewwa, Aristotile. Imma ngħid għalija jiena lilek inżommok hekk fil-għoli fejn in-nies ta' dari u tal-lum li jiena ma niddubitax mis-sewwa ta' dak li tgħidli ...

ARISTOT: Sa issa għedtlek kif it-traġedja bdiet mir-reliġjon ta' Bakku wilkori mill-għana ta' qima li kienu jagħtuh il-qassisin tiegħu wil-miġemgħa li kienu jħobbuh. U għedtlek ukoll kif Thespis kien l-ewwel Grieg li ħoloq l-idea ta' Palk. Issa hemm xi ħaġa oħra li tridni ngħidlek?

JOSEPHUS: Ja għaref, jekk ma ndejjqekx xtaqtek tħallini nistaqsik xi ħaġa li ġietni f'moħħi jiena u naqra t-trattat tiegħek fuq it-traġedja. Tgħid kemm-il darba li t-traġedja hija imitazzjoni. Anzi tgħid li l-poeżija kollha hija imitazzjoni. X'għandna nifhmu b'din il-kelma?

ARISTOT: Jiena ktibt li l-poeżija epika, it-traġedja, il-kummiedja, idditirambi huma lkoll imitazzjonijiet diversi minn xulxin fil-mezz, floġġett wil-manjiera kif ifissru din l-imitazzjoni.

JOSEPHUS: Niftakarha din id-distinzjoni li għamilt. Mingħalija fil-bidu, qisu fid-dħul tat-trattat.

ARISTOT: Hekk hu. Ftit 'il quddiem jiena ktibt hekk: "Il-bniedem ikun għadu tarbija meta jħoss li għandu jimita. U jingħaref minn fost l-

annimali kollha sew sew għax huwa l-aktar li jimita u minn din l-imitazzjoni jibda t-tagħlim tiegħu. Hekk ukoll kulħadd jieħu gost jara imitazzjoni ta' xi ħaġa. Aħna dan narawh mill-pjaċir li nħossu meta nħarsu lejn xogħlijiet ta' l-arti imitativa, għaliex dawn l-oġġetti aħna nikkontemplawhom bil-pjaċir, u aktar ma hu kbir il-pjaċir aktar hija l-imitazzjoni, ħwejjeġ li kieku kienu tassew kieku konna nistmerruhom; bħalma huma l-figuri tal-bhejjem l-aktar baxxi u ta' min jistkerrahhom, iġsma u ħwejjeġ oħra bħal dawn".

JOSEPHUS: Imma dan li qed tgħid jiġġustifika biss l-imitazzjoni li ssebbaħ dak li hu ikreh. Bħalma għedt int sewwa ħafna, kieku kellna raraw ġisem mejjet b'għajnejna, konna nistkerruh, imma meta narawh fil-bronż jew l-irħam, kif naraw f'San Ġwann, aħna nieħdu gost. Sa hawn nifhem, Imma kif tidħol l-imitazzjoni meta l-ħaġa li timita ġa hija minnha nfisha sabiħa – ngħidu aħna mara żagħżugħa, mibnija tajjeb, jonkella raġel f'saħħtu mibrum u qawwi? Bħal issa qed niftakar fl-istatwa ta' l-irħam ta' Afrodite ta' Melos, u l-istatwa tal-bronż Doryphorus, ir-raġel tal-lanza ta' Poliċejtu. Iż-żewġ statwi Griegi jirrappreżentaw, għandi naħseb, mara u raġel li ma kinux sbieħ daqs kemm jidhru fl-imitazzjoni tagħhom imma li kienu sbieħ ukoll, mara u raġel tad-demm wil-laħam li kont tieħu gost tarahom.

ARISTOT: Sewwa qed tgħid, Josephus. Kull arti tagħmel xi ħaġa iżjed milli timita. Barra li timita tipprova tressaq l-imitazzjoni lejn l-ideal – tkabbar u ssebbaħ. U għandna eżempju ta' dan mhux biss fl-iskultura mnejn semmejtli żewġ eżempji tajbin ħafna imma wkoll fit-traġedja.

JOSEPHUS: Kellemni fuq it-traġedja biex nerġgħu lura mnejn bdejna.

ARISTOT: Tabilħaqq, aħna sa issa ma ħriġniex barra mis-suġġett għax l-imitazzjoni hija l-bażi ta' kull espressjoni artistika – ta' l-iskultura, tal-poeżija, tat-Traġedja, tal-Kummiedja, ta' dak kollu li n-nies isejħu "Arti". Jekk tieħu Oedipus fit-traġedja ta' Sofokle int tara li Oedipus sata' kien l-imitazzjoni ta' bniedem bħali u bħalek, imma kif jidher fid-dramm il-karattru dramatizzat tiegħu jaqtgħu fil-għoli fuqna l-bnedmin ordinarji ... jikber, isir qisu ġgant. L-istatura tiegħu togħla – issir moralment akbar u aqwa. Il-personalità tiegħu dramatizzata tagħżlu mill-personalità ordinarja. Minn dak inhar 'l hawn, ħafna dramatisti ħolqu karattri li bħal dawk tad-dramatisti Griegi huma, biex ingħid hekk, imitazzjoni sublimata tal-mudell ordinarju. Ara tiftakarx xi tnejn.

JOSEPHUS: Qed niftakar f'*King Lear* u *Macbeth* ta' William Shakespeare; u f'*Julius Caesar* tiegħu wkoll; f'*Attilio Regolo* ta' Metastasio u *Saul* ta'

Alfieri.

ARISTOT: Ma hemmx għalfejn issemmi iżjed. Qed tara kif il-prinċipji tat-trattat tiegħi baqgħu sħaħ wara mijiet ta' snin?

JOSEPHUS: Qed nara. Imma hemm ħaġa li aħjar nitħaddtuha issa. Għaliex it-Traġedji Griegi kienu jagħżlu l-protagonisti tagħhom minn fost is-slaten u l-allat biss? Il-bniedem mhux magħruf, il-bniedem komuni qatt ma nsibuh protagonist ta' ġrajjiet drammatiċi. Tgħid għaliex il-bniedem komuni kien żgħir wisq f'għajnejn l-aristokrazija Griega?

ARISTOT: Xi ftit mis-sewwa f'dak li qed tgħid hemm. Imma l-akbar raġuni kienet li għall-Griegi l-ħajja kienet ħaġa misterjuża maħkuma minn setgħat moħbija, is-setgħat ta' l-allat li kienu jħobbu, igħinu, jobogħdu jew ifixklu l-bniedem kif jidhrilhom. Minħabba f'hekk il-bnedmin, l-umanità rappreżentata fil-persuna tal-mexxejja tagħha, kienu jidhru qishom imħabblin ġox-xibka ta' l-allat bla qalb u l-aqwa dramm tal-ħajja kienet mela l-ġlieda tal-bniedem mad-destin. Ftakar xi ġralu Oedipus. Tafha l-ġrajja tiegħu?

JOSEPHUS: Mhux wisq. Għidhieli.

ARISTOT: Fil-qosor għas-saħħa ta' l-argument: Din hi l-ġrajja ta' swied il-qalb ta' Oedipus, iben Laius, sultan ta' Tebe, u Jokasta, bint Kreon, is-sultan ta' Korint. Meta twelidlu t-tifel, Laius tkexkex jisma' l-Oraklu jħabbarlu li dan ibnu kien għad irid joqtlu. X'għamel Oedipus? Biex ma sseħħx il-profezija tal-waħx ordna li ibnu jiġi mdendel ma' siġra b'fergħa mdaħħla bejn riġlejh. (Oedipus bil-Grieg tfisser "riġlejh minfuħa"). Imma ġara li raħ ragħaj. Dan ġietu ħniena minnu; salvah mill-mewt u rabbieh bħala ibnu. Ġara li meta Oedipus kiber, kellu xi jgħid mas-sultan Laius li hu ma kienx jaf li hu missieru u fil-ġlieda qatlu u hekk seħħet il-profezija tal-Oraklu. Mhux biss, Oedipus innamra mal-mara ta' Laius, ma kienx jaf min kienet, iżżewwiġha u kellu żewġ subien minnha, Polineċe u Eteokle, u żewġt ibniet Ismene u Antigone. Ġara li biż-żmien Oedipus sar jaf x'kien ġralu u daqs kemm tkexkex qala' għajnejh minn ħofrithom biex lanqas jara l-frott ta' dnubu, u Jokasta malli saret taf bil-logħba kerha tad-destin tgħallqet. Dan hu s-suġġett ta' wieħed mill-aqwa drammi ta' Sofokle – dramm li jqajjem il-biża' ta' l-allat wil-mogħdrija tan-nies magħfusa mid-destin agħma.

JOSEPHUS: Ġrajja kerha tassew, ġrajja li, kif għedtli, turi kemm il-Griegi moħħhom kien imħabbat bil-qawwa tad-Destin fuq il-mixja ta' ħajjithom.

ARISTOT: Titwettaq f'din il-fehma jekk taqra l-opri l-oħra tat-Traġiċi

Griegi. Intom illum wara aktar minn elf sena ma tifhmuniex biżżejjed. Ir-reliġjon tagħkom hija mwaqqfa fuq il-qima ta' Alla li daqs kemm ħabb il-bnedmin sar bħalhom u ħalla lill-istess bnedmin joqtluh għall-fidwa tagħhom. L-allat tagħna mhux biss ma kinux imutu għall-imħabba tal-Bniedem imma kienu jitolbu minn għandu s-sagrifiċċju ta' ħajtu u ta' uliedu. Biżżejjed insemmilkom il-ġrajja ta' l-imsejkna Ifiġenja, bint Agamennon u Clytemnestra.

JOSEPHUS: Għidhieli.

ARISTOT: Il-Griegi huma u sejrin lejn Trojja biex jiggwerraw nefħilhom riħ ħażin li tefagħhom lura u kien ser itellifhom il-gwerra. X'jagħmlu? Jew iberrdu l-qilla tal-allat inkella jitilfu. Biex l-allat jistrieħu kien hemm bżonn li Agamennon jissagrifiika lil bintu Ifiġenja – tmut maqtula bħala debħa lill-alla tal-kaċċa Dijana. Ġara imma li waqt li l-qassis kien lest u ser iniżżel ix-xafra tas-sikkina fuq għonqha, Ifiġenja għabet u ma raha ħadd iżjed. X'ġara? Dijana qabditha u ħaditha f'Tauris biex toħdilha ħsieb it-tempju tagħha. Hawnhekk Ifiġenja kellha d-dmir li tissagrifika, toqtol kull stranġier li jirfes f'din l-art. Darba waħda f'din l-art niżlu żewġ stranġieri – Orestes u Pylades. Xħin Ifiġenja saret taf li Orestes kien ħuha, tistgħu taħsbu x'ħasset. Ftehmet magħhom li jaħarbu lkoll flimkien u jġorru magħhom l-istatwa ta' Dijana qalila kif kien qallhom jagħmlu l-oraklu. U hekk għamlu.

JOSEPHUS: Ġrajja li tbażża' w tkexkex.

ARISTOT: Qed tgħid sewwa. U issa tara għaliex it-traġiċi Griegi moħħom kien iħabbat fuq is-suġġett ta' l-allat wid-destin tal-bniedem imħabbat minnhom.

JOSEPHUS: Qed nifhem ... Żmenijiet oħra, nies oħra, sentimenti oħra. Madankollu aħna n-nies tal-lum għadna nħossu xi ftit mill-biża' ta' dawk il-ġrajjiet dramatizzati ...

ARISTOT: Il-ġrajja ta' Ifiġenja nebbħet id-dramm ta' Eskilu, Sofokle u Ewripide ...

JOSEPHUS: Qed niftakar li fid-drammi Griegi l-imħabba bejn mara u raġel qajla, biex ma ngħidx qatt, ma tieħu l-importanza prinċipali li għandha f'ħafna drammi moderni. Dan għaliex?

ARISTOT: Tnejn huma r-raġunijiet. L-ewwelnett il-Griegi pagani qatt ma kellhom il-kunfidenza li għandkom intom l-Insara man-nisa; il-mara wir-raġel ma kinux jitħalltu ma' xulxin daqskom, tant li l-parti ta' mara

fuq il-palk kien jagħmilha raġel- ir-raġuni l-oħra hi, kif għedtlek, li moħħ il-Griegi kien il-ħin kollu mħabbat bir-relazzjonijiet li kien jaħseb li jorbtu l-bniedem ma' l-allat – l-allat li għalih kienu d-destin ta' l-umanità, wid-destin li jiġbed lit-traġiċi Griegi għax kienu jaraw fih possibilitajiet drammatiċi kbar.

JOSEPHUS: Żewġ raġunijiet li jikkonvinċuni. Issa għidli, it-Teatru għall-pubbliku Grieg kien ta' pjaċir jew ta' biża'?

ARISTOT: Kien ta' pjaċir u kien ta' biża'. Kien ta' pjaċir għax fid-dinja Griega ta' dak iż-żmien it-Teatru kien l-aqwa divertiment pubbliku u l-aqwa skola għal nies ta' gost raffinat. It-Teatri li konna nibnu aħna għall-beraħ kienu jesgħu l-eluf... Dan tista' tarah minn dawk li fadal...

JOSEPHUS: Jiena rajt dak ta' Sirakuża fejn ta' kull sena jsiru drammi Griegi bit-Taljan li jmorru għalihom eluf ta' nies mid-dinja kollha...

ARISTOT: Kien ukoll ta' biża'. Il-biża' jiġbed lill-bniedem li jħobb is-sensazzjonijiet kurjużi – iħobb jistenna x'ġej, l-aqwa tal-ġrajja li tħoll l-inċidenti kollha u tikkonċentrahom fuq is-suġġett prinċipali ... Dak li aħna nsejħu *climax*.

JOSEPHUS: Qed tgħid sewwa ħafna, Aristotile, għaliex it-terroriżmu, il-biża', il-waħx baqa' wieħed mill-elementi l-aktar qawwijin tad-dramm modern; irrid ngħid tad-drammi li nkitbu minn żmienek il hawn. Shakespeare stess inqeda bil-biża' bħala element biex jiddramatizza ġrajjiet misterjużi. Missier Hamlet maqtul minn ħuh li wara żżewweġ lil ommu...

ARISTOT: Stil ta' traġedja Griega...

JOSEPHUS: Iqum mill-qabar u jitlob lil ibnu Hamlet li jivvendika l-mewt tiegħu...

ARISTOT: Dramm li sata' nkiteb minn traġiku Grieg. F'dan id-dramm l-element soprannaturali huwa forma modifikata tad-destin Grieg...

JOSEPHUS: Haġ'oħra. Int ħallejt miktub li t-traġedja tnaddaf il-passjonijiet tagħna bil-Mogħdrija u bil-Biża'. Ngħidlek is-sewwa ma fhimtx sewwa x'ridt tgħid.

ARISTOT: Ma intix waħdek li ma stajtx tifhem x'ridt ngħid sewwa. Imma jien ma nafx għax dak li għedt ma ftehimx tajjeb. Halli nfissirlek x' irrid ngħid. Aħna l-bnedmin maqbudin f'taħbila ħarxa ta' passjonijiet mhux kollha sbieħ jew tajba, mhux dejjem nagħmlu s-sewwa u lanqas ma nagħdru dejjem lil min jinħaqar. Hafna drabi s-sentimenti tagħna

huma mħawdin bħall-ħjut ta' kobba mħabbla. Il-passjonijiet jagħmmxu l-bniedem. Issa innota li meta int taqra jew aħjar tara fuq il-palk, in-nobiltà tal-karattru tal-protagonista, għall-anqas għal dak il-ħin int tħoss is-sentimenti tiegħek jitnaddfu minn dak kollu li hu vulgari. Għal dak il-ħin inti tissieħeb mal-protagonist u taqsam miegħu l-glieda għall-ideal li jitħabat u jbati għalih hu. Innota wkoll li meta inti tara l-protagonist, bniedem virtuż jinħaqar għal xejn b'xejn, flok tiskerraħ it-tbatija tiegħu, int tixgħel bil-qilla għall-inġustizzja u tħobb iżjed il-ġustizzja li mħabba n-nuqqas tagħha tara l-protagonista qed ibati. U hekk il-biża' wil-mogħdrija flimkien inaddfu l-passjonijiet tal-bniedem minn kulma hu vulgari.

JOSEPHUS: Issa qed nifhmek. Tabilħaqq, meta jiena nara xi traġedja u nara l-bniedem ġust jinħaqar, il-biża' tal-ġustizzja wil-mogħdrija tal-vittma ta' l-inġustizzja jnisslu fija sentimenti l-aktar nobbli.

ARISTOT: Dik it-tindifa tissejjaħ *catharsis* ... porga tar-ruħ.

JOSEPHUS: Taf li ma fhimtekx, hux?

ARISTOT: *Catharsis* hi kelma Griega li tfisser "tindifa". Għax hekk kif il-ġisem biex jibqa' f'saħħtu jrid jitnaddaf mill-ixkiel li jinġabar fih b'porga, hekk ukoll ir-ruħ biex tibqa' nobbli trid titnaddaf mill-ixkiel tal-passjonijiet li jinġabru fiha b'porga – dil-porga hija t-tindifa tal-passjonijiet li semmejtlek – il-*catharsis* tal-Griegi.

JOSEPHUS: Illum, Aristotile, għallimtni ħafna. Issa qed inħoss moħħi jegħja. Mhux aħjar nistrieħu, nieqfu għall-lum u nerġgħu niltaqgħu darb'oħra biex tfissirli t-teknika tat-traġedja Griega u tgħallimni ħwejjeġ oħra siewja li jiena ma nafx?

ARISTOT: Kif jogħġbok. Neħħi l-ħsieb tat-Traġedja minn moħħok u, arani, jiena ngħib minnufih ... ninħall minn quddiemek bħad-duħħan u narġa' lura lejn is-saltna kbira ta' l-Erwieħ ...

JOSEPHUS: Għandi għeja kbira ddur ma' ġismi. Inħossni qed nintelaq bħal wieħed dieħel f'nagħsa; nħoss moħħi qed jitbattal. Aristotile! ... Aristotile! ... L-ebda tweġiba ... Raġa' lura lejn id-dinja ta' l-erwieħ ...

# QISIEN TAŻ-ŻMIEN U TISWIR TAD-DATI

Ta' A.P. Vella, O.P.

Aħna l-Maltin biex inqisu ż-żmien ninqdew bil-kelma Almanakk (mill-Għarbi *almenichiaka*, għadd; jew minn *almenha*, rigal li jingħata fl-ewwel tas-sena), jew bil-kelma Kalendarju (mil-Latin *kalendae*, l-ewwel tax-xahar).

Iż-żmien jitqies jew b'mod *naturali* fi ġranet, xhur u snin, fuq il-mixja tax-xemx, tal-qamar u tal-kwiekeb; jew b'mod *artifiċjali* f'minuti, sigħat, ġimgħat, lustri (lustru = 5 snin), sêkli, ċîkli, perijodi, epoki, eri, indizjoni.

Għal dik li hi ġurnata nsibu tliet modi kif in-nies kienu jqisu t-tul tagħha: (1) Il-Babiloniżi, il-Persjani u s-Sirjani kienu jqisuha minn għodwa għal oħra. (2) Il-Lhud, il-Griegi u ċ-Ċiniżi minn għasar għal ieħor; hekk naqraw fil-ktieb tal-Levitiku, k. 23, v. 32: *A vespera usque ad vesperam celebrabitis sabbata vestra:* Ħarsu l-btajjel tagħkom minn għasar sa għasar. (3) L-Eġizjani u l-Ewropej qisuha l-ġurnata minn nofs il-lejl sa nofs il-lejl.

Il-ġimgħa mhux kulħadd qiesha b'sebat ijiem jew bdieha fl-istess jum. Aħna l-Insara nibdewha l-Ħadd; il-Lhud is-Sibt; il-Musulmani l-Ġimgħa.

Hekk ukoll ix-xahar: S.A. Fabrizius igħidilna illi, billi bejn qamar ġdid u ieħor hemm 29 jum, 12-il siegħa, 44 minuta u 3 sekondi, il-bnedmin qiesu x-xahar min bi 30 jum, min b'31, min b'inqas u min b'iżjed.

Is-sena, fl-aħħarnett, hija t-tul ta' żmien li tieħu d-dinja biex tagħmel dawra sħiħa max-xemx, jiġifieri 365 jum, 5 sigħat, 48 minuta, u xi 45 sekonda. Għall-ewwel is-sena kienu jaqsmuha fi tnejn: is-sajf u x-xitwa; ir-rebbiegħa u l-ħarifa żdiedu wara. Il-Lhud is-sena qasmuha fi 12-il xahar lunari, hekk imsejħa għax kienu jitqiesu fuq it-tibdil tal-qamar; imma billi sabu illi s-sena solari, jiġifieri meqjusa fuq ix-xemx, ma kinetx taqbel sewwa mad-drabi li l-qamar jitbiddel f'sena waħda, wara għadd ta' snin kienu jżidu xahar ieħor. Il-Griegi kienu jqisu s-sena aktarx bħal-Lhud, bix-xhur lunari; iżda billi x-xhur kienu jqisuhom wieħed ta' 30 u l-ieħor ta' 29 jum, u jibqgħu sejrin hekk, ġara li wara kull dawra ta' 8 snin kien ikollhom iżidu xahar ieħor ta' 30 jum.

Ir-Rumani qiesu s-sena bi 304 ijiem biss, li qassmuhom f'10 xhur. Is-sultan Numa ra li dan il-qies kien ħażin, u għalhekk żied xahrejn oħra, Jannar u Frar, u s-sena għaddha bi 355 jum. Ta' warajh sabu li Numa

b'hekk ma kien sewwa xejn, u ssoktaw iżidu xahar ieħor, li semmewh *Mercedonius* jew *Mercedinus,* u s-sena baqgħu jqisuha hekk sa żmien l-imperatur Ġulju Ċesri, jiġifieri sas-sena 46 qabel Kristu, magħrufa fl-istorja Rumana bħala 'is-sena tat-taħwid', għax fiha l-Imperatur, barra x-xahar *Mercedonius,* żied 67 ġurnata oħra biex isewwi l-iżbalji ta' qabel u jirranġa l-kalendarju. It-tiġdid li għamel Ġulju huwa magħruf bħala r-*Riforma Ġuljana.* Huwa ried ukoll illi s-sena jkun fiha 12-il xahar imqassmin hekk: Jannar, Marzu, Settembru u Novembru b'31 jum, u l-oħrajn bi 30, barra minn Frar, li ħallielu 29 jum, u 30 kull erba' snin. Dan it-tqassim ġie mħassar kiesaħ u biered mill-Imperatur Awgustu għaliex ix-xahar ta' Awissu, li jġib ismu, ma kellux 31 jum; imħabba f'hekk ħa jum minn Frar u tah lil Awissu, u, biex ma jaħbtux tliet xhur wara xulxin b'31 jum, Settembru u Novembru għamilhom bi 30, w Ottubru u Diċembru b'31.

Sosigene, l-astronomu ta' Lixandra, li kien il-ħassieb ewlieni tar-Riforma Ġuljana, kien iffissa l-Ekwinozju (jiġifieri dak il-ħin li fih ix-xemx tgħaddi minn fuq l-ekwatur u nhar u lejl ikunu ndaqs) fir-rebbiegħa, u sewwa sew fil-25 ta' Marzu. Iżda billi s-sena kif qiesha hu kienet nieqsa 11-il minuta u 12-il sekonda mis-sena kif għandha tkun tabilħaqq, kull 129 sena skond is-sistema tiegħu kienet tonqos ġurnata. B'hekk insibu illi fi żmien il-Konċilju ta' Niċea (A.D. 325) l-ekwinozju ħabat fit-23 ta' Marzu. Dan l-iżball kien jenħtieġ jissewwa. Għalhekk bosta astronomi bdew jipproponu proġetti ta' riforma oħra. Is-Santi Padri, fil-Konċilji ta' Kostanza (A.D. 1414) u ta' Basilea (A.D. 1436-1439) qanqlu wkoll din il-kwistjoni, iżda ma seħħilhomx jaslu fi ftehim. Il-Papa Sistu IV sejjaħ f'Ruma l-magħruf astronomu Ġwanni Regiomontano, iżda dan miet ftit wara li beda x-xogħol tar-riforma.

## Il-Kalendarju Gregorjan

Fil-Konċilji tal-Lateran (A.D. 1517) u ta' Trento (A.D. 1545-63) il-kwistjoni reġgħet kienet mistħarrġa, sakemm il-Papa Girgor XIII sejjaħ f'Ruma l-aqwa astronomi tad-dinja, fosthom id-Dumnikan Injazju Danti u l-Ġiżwita Kristofru Clavio ta' Bamberg. Iżda l-mertu kien tat-tabib Kalabriż Luigi Gilio u ta' ħuh Antonio, li seħħilhom jagħtu lill-Papa l-aħjar soluzjoni għat-tiswija tal-kalendarju. Girgor XIII bagħat kopja tas-suġġerimenti ta' Ġilio lis-slaten, lill-prinċpijiet, lir-repubbliki u lill-universitajiet, u l-proġett ingħoġob mill-biċċa l-kbira. Il-Papa, għalhekk, fl-24 ta' Frar, 1582, ried li f'dik l-istess sena jinqabżu 10 ijiem, u hekk, wara li għadda l-jum 5 ta' Ottubru, in-nies sabet ruħha fil-15 ta' l-istess xahar.

Fil-Kalendarju Gregorjan, li fuqu għadna nimxu sal-lum, is-sena ġiet iffissata bi 365 jum, 5 sigħat u 49 minuta, u kull 4 snin ikun hemm waħda

biżestili (jiġifieri jiżdied jum max-xahar ta' Frar), barra minn meta taħbat A.D. 2000, 4000, 6000, eċċ. L-astronomi ta' dak iż-żmien kienu ta' fehma waħda illi b'din ir-riforma ż-żmien jibda jitqies hekk tajjeb li jridu jgħaddu 4238 sena oħra biex il-ftit minuti żejda li jibqgħu jagħmlu jum sħiħ.*

Il-Kalendarju Gregorjan ma ġiex milqugħ minnufih minn kulħadd. L-ewwel ġnus li ħaddnuh kienu l-artijiet Kattoliċi, bħall-Italja, Franza, Spanja u l-Portugal. Il-Polakki bdew jinqdew bih fl-1586, l-Ungeriżi fl-1587, l-Istati Protestanti Ġermaniżi fl-1699, l-Olanda, id-Danimarka u biċċa kbira mill-Iżvizzra fl-1670, l-Ingilterra fl-1752, u l-Iżvezja fl-1753. Illum l-Ewropa kollha timxi fuqu, barra mill-Greċja u r-Russja li baqgħu marbutin mal-Kalendarju Ġuljan, u għalhekk illum jinstabu 12-il ġurnata wrajna. Irid joqgħod b'għajnejh miftuħa mela l-istoriku, iwissi Stamp fil-ktieb tiegħu *Methods of Chronology*, p. 6, meta jistudja d-dokumenti ta' dawn il-pajjiżi li semmejna, għaliex f'dokumenti miktubin fl-1582, 1700 u 1900 wieħed jista' jiltaqa' ma' differenzi ta' 10, 11, 12 u 13-il jum. Hekk, per eżempju, meta William of Orange telaq mill-Olanda kienu l-11 ta' Novembru 1688, imma meta wasal l-Ingilterra sab li hemmhekk kienu fil-15 ta' Novembru.

Fi żmien ir-Rivoluzjoni Franċiża, ir-Republikani kienu ħarġu b'kalendarju ġdid li beda bit-22 ta' Settembru bħala l-ewwel tas-sena 1792. Ix-xhur kollha kienu ndaqs bi 30 jum kull wieħed, u l-5 jew 6 ijiem li kien jibqa', kienu jgħodduhom wara l-aħħar xahar. Fl-1806 Napuljun Bonaparti neħħa dan il-kalendarju u ried illi s-sena terġa' tibda regolarment fl-1 ta' Jannar.

Wara li kienu stabbiliti l-jiem, il-ġimgħat, ix-xhur u s-snin, kien meħtieġ li għall-istorja ta' kull pajjiż tiġi iffissata data, bidu, żmien, perijodu, era, għall-kronoloġija. Għalhekk insibu illi:

| | |
|---|---|
| Il-Lhud igħoddu mill-ħolqien tad-dinja: | 3761 qabel Kristu |
| Il-Griegi mil-Logħob ta' l-Olimpijadi: | 776 qabel Kristu |
| Ir-Rumani mit-twaqqif ta' Ruma: | 753 qabel Kristu |
| Il-Babiloniżi, il-Kaldej u l-Eġizjani minn Nabonassar:⊕ | 747 qabel Kristu |

*Il-*League of Nations* fl-1923 u fl-1931, u l-*United Nations* fl-1949-50 ippruvaw jirriformaw dan il-Kalendarju, iżda ma rnexxilhom. Is-Sena l-oħra il-Kardinal Cicognani, President tal-Kommissjoni preparatorja għall-knejjes tal-Lvant fil-Konċilju Ekumeniku, ippropona wkoll l-istess riforma. Ix-xewqa ġenerali tal-Insara kollha hija li tiġi ffissata l-Festa ta' l-Għid biex hekk il-knejjes tal-Punent u tal-Lvant jersqu iżjed lejn xulxin. Ġie propost li l-Għid jibda jaħbat dejjem fit-8 ta' April.

⊕L-Għarab kienu jgħoddu bħal Lhud, imma f'xi nħawi bħall-Babiloniżi. Illum il-kalendarju tagħhom jibda mill-ħarba ta' Muhammad minn Mekka, 15 ta' Lulju, 622 A.D.

*L-Era Nisranija*

Billi l-festa tal-Għid għall-bidu qatt ma kienet fissa, Djonisju Esigu għamel lista ta' mitt sena, li kienet tieħu mis-sena 525 A.D. sas-sena 626 A.D., u fiha wera l-jum meta kellu jaħbat il-Għid matul seklu sħiħ. Biex jagħti numru lis-snin li niżżel f'din il-lista, huwa mexa fuq il-kalkolu taż-żmien li kien laħaq għadda mit-Twelid ta' Kristu, u hekk kiteb, per eżempju, is-sena 525 wara Kristu (*Annus Domini, Annus ab Incarnatione Domini, Annus Gratiae*). Għalkemm Djonisju ma kellu ebda ħsieb li jdaħħal dan il-metodu fil-kalendarji, il-lista li għamel tant ingħoġbot lill-kittieba, fosthom il-Ven. S. Beda, li bdew jinqdew biha fl-annali u fil-kitba ta' l-istorja. Hafna bliet ta' l-Italja, kif ukoll Franza fi żmien Pepin u Karlu Manju, inqdew biha wkoll. Il-Papiet bdew jużawha mis-sena 962 A.D. Iżda Spanja u l-Portugal, u xi naħiet ta' Franza t'Isfel, ma daħħluhiex għax kienu u baqgħu jgħoddu s-snin mill-era tal-Viżigoti, li kienet tibda mis-sena 38 qabel Kristu.

*Il-Bidu tas-Sena*

Problema oħra li niltaqgħu magħha fl-istorja hija dik ta' meta tibda s-sena. Bosta kittieba s-sena kienu jibdewha mill-jum li fih jaħbat l-anniversarju ta' meta Ġesù sar bniedem, u għalhekk is-snin kienu jgħodduhom mill-Inkarnazjoni ta' Kristu, *Ab Incarnatione Domini*. Iżda din l-espressjoni xi wħud kienu japplikawha għal Jum it-Twelid ta' Ġesù (25 ta' Diċembru), oħrajn għat-Tmien Jum fuq it-Twelid (1 ta' Jannar), u oħrajn għal Jum it-Tnissil ta' Ġesù (25 ta' Marzu), festa tal-Lunzjata. L-istoriku Ngliż R.L. Poole jagħtina eżempju fuq l-iżbalji li jistgħu jittieħdu mħabba n-nuqqas ta' qbil fuq il-bidu tas-sena. 'Nissoponu', igħidilna, 'illi turista telaq minn Venezja fl-1 ta' Marzu 1245. Meta wasal Firenze jsib ruħu għadu fl-1244. Jekk wara ftit taż-żmien baqa' sejjer Pisa, sab li hemm kienet diġà bdiet is-sena 1246. Jekk imbagħad dan baqa' tiela' Provenza sab li hemm kienu għadhom fl-1245; u jekk wasal fi Franza qabel il-Għid raġa' sab ruħu fl-1244.'

*L-1 ta' Jannar*

Sas-Seklu VII wara Kristu d-drawwa ġenerali kienet illi s-sena tinbeda fl-1 ta' Jannar bħas-sena ċivili Rumana. Iżda billi l-Knisja tibda s-sena tagħha minn xi festa kbira tal-Mulej, biex hekk tħoll kull rabta mad-drawwiet pagani, ġara li fiż-żminijiet tan-Nofs, l-Ewropa Kattolika abbandunat l-1 ta' Jannar u bdiet tqiegħed l-ewwel tas-sena fil-Milied jew fil-Lunzjata, kif rajna. Imbagħad fis-seklu XVII reġgħet lura għall-1 ta' Jannar.

*Il-Lunzjata*

Sa fejn nafu aħna, kienet il-belt ta' Arles fi Franza, fl-aħħar tas-seklu XI, li bdiet tinqeda bil-jum 25 ta' Marzu bħala l-ewwel tas-sena, u bħalha fl-istess żmien għamlu l-Burgandija u l-Italja ta' Fuq; u billi l-belt ta' Pisa' fl-Italja baqgħet tagħmel hekk sa l-1750, dan il-metodu għadu magħruf fl-istorja bħala *Calculus Pisanus.* Iżda, filwaqt li dawn il-bliet li semmejna kienu jibdew is-sena f'Marzu ta' qabel il-Milied, il-belt ta' Firenze, u bliet oħra magħha, kienu jinqdew bil-metodu, magħruf sal-lum bħala *Calculus Florentinus,* li l-istess sena jibdewha f'Marzu ta' wara l-Milied, b'mod li dawn kienu jkunu dejjem sena wara l-oħrajn. U hekk baqa' jsir sa l-1750, meta l-Gran Duka Francesco Stefano ried li s-sena tibda mill-1 ta' Jannar. Fuq dan il-*Calculus Florentinus* imxew kemm Sqallija u Malta minn żmien il-Konti Ruġġieru tan-Normandija sas-seklu XVI, kif ukoll l-Ingilterra, li kienet ukoll maħkuma min-Normanni, minn nofs is-seklu XI sa l-1752. Fl-Ingilterra din id-drawwa nqatgħet permezz taċ-*Chesterfield Act,* mgħoddi f'Marzu 1751, li għaraf l-ewwel tas-sena fl-1 ta' Jannar. L-Ingliżi, biex jaħarbu kull tfixkil, għall-ġranet bejn l-1 ta' Jannar u l-25 ta' Marzu bdew jagħtu data doppja; hekk fl-*Official Records* insibu, ngħidu aħna, jum ta' Frar imniżżel bħala 29th February 167⁵⁄₆.

*Il-Għid il-Kbir*

Is-Sultan Filippu Awgustu ta' Franza (1180-1223) daħħal id-drawwa fil-Kanċelleriji Rjali li s-sena tinbeda fil-Għid il-Kbir. Xi wħud li ħaddnu dan il-metodu, magħruf bħala *Mos Gallicanus,* għażlu jibdew is-sena jumejn qabel, jiġifieri f'nhar il-Ġimgħa tal-Ġimgħa l-Kbira, u għalhekk kienu jiktbu *A Passione Domini.* Imma il-*Mos Gallicanus,* għad li xtered xi ftit fl-Olanda u fil-belt ta' Kolonja fil-Ġermanja, qatt ma sar ġenerali, anqas fl-istess Franza.

*L-1, l-24 u d-29 ta' Settembru*

F'xi dokumenti tas-sekli VIII u IX, li ġejjin l-aktar minn xi pajjiżi Anglo-Sassoni, insibu s-sena mibdija fl-1, jew fl-24, jew fid-29 ta' Settembru, metodu li baqa' limitat ħafna, kemm għat-tul ta' żmien li baqa' jintuża kif ukoll għall-artijiet li nqdew bih.

*L-Indizjoni*

Nagħalqu billi nagħtu tagħrif fil-qosor dwar xinhi l-*Indizjoni,* jiġifieri ċerta data speċjali li nsibuha mniżżla f'kotra ta' dokumenti Maltin u barranin.

L-Indizjoni hija perijodu kronoloġiku ta' 15-il sena, li beda jintuża minn

żmien l-Imperatur Kostantinu, u sewwasew mis-sena 312 ta' l-Era Nisranija. Is-snin ta' kull perijodu kienu jiġu enumerati progressivament mill-1 sal-15, imbagħad jinbeda perijodu ġdid, mingħajr ma jingħata ebda tagħrif ieħor.

Hafna jaħsbu illi s-sena ta' kull Indizjoni kienet tibda fl-1 ta' Settembru, skond is-sena Biżantina, u għalhekk hija magħrufa bħala Indizjoni Griega jew Kostantinopolitana. Oħrajn huma tal-fehma li kienet tibda fl-24 ta' Settembru, jew fil-Milied, jew fl-1 ta' Jannar. Biex tiddeċiedi jenħtieġ tkun taf id-drawwa partikulari tal-pajjiż jew tal-kittieb.

Biex issib is-sena ta' l-Indizjoni trid tnaqqas 312 mis-sena ta' l-Era Nisranija, u li jibqagħlek tiddividih bi 15; jekk ikun jidħol eżatt, is-sena ta' l-Indizjoni tkun 15, *Indictio decimaquinta;* jekk le, in-numru li jibqa' jurik l-Indizjoni. Per eżempju, għandna dokument bid-data ta' l-1 ta' Novembru 1094: 1094 – 312 = 782; 782 ÷ 15 = 52 u jibqa' 2. Mela l-Indizjoni tas-sena 1094 hija 2: *Indictio secunda.*

*Għeluq*

Dan kollu jenħtieġlu jżomm quddiem għajnejh l-istoriku meta jkun irid jagħti s-sena preċiża ta' ġrajjiet importanti, testment notarili, għoti ta' privileġġi jew grazzi minn papiet, slaten u Kbarat oħrajn, li d-dokomenti tagħhom insibuhom imħarsin b'għożża kbira fl-Arkivji ta' kull pajjiż.

BIBLIOGRAFIJA

P. DURRIEU, *Les Archives angevines de Naples,* 'Commencement de l'année', Paris, 1886, p. 197.

R. LANE POOLE, *Medieval reckonings of time,* S.P.C.K., 'Helps for students of History', London 1921,

A.F. POLLARD, 'New Year's day and leap year in English History', *English Historical Review,* Vol. XXXIX (1924), pp. 497-510.

J.B. DARBLADE, *Calendrier et Comput,* Collège Patriarcal Grec – Catholique, Le Caire, Al-Maaref Press, 1942.

C.R. CHENEY, *Handbook of Dates for students of English History,* London 1945.

A. CAPPELLI, *Cronologia, cronografia e calendario perpetuo,* 'Manuali Hoepli' series, Milano 1952.

## MARGARET A. MURRAY, D.Lit., F.S.A. (Scot.), F.R.A.I.

L-AHBAR tal-mewt ta' Miss Margaret A. Murray, waħda mill-akbar ħbieb ta' Malta, magħrufa bħala waħda mill-istudjużi tal-Lsien qadim tal-Eġittu, tal-Arkjoloġija u Folklore, tfakkami fiż-żjara li din kienet għamlet hawn Malta fl-1932 biex tagħmel xi xogħlijiet ta' skavi u studji ta' oġġetti arkjoloġiċi li fuqhom kitbet diversi kotba li kienu issemmew minn arkjoloġi oħra b'kommenti f'kotba u rivisti fosthom fl-*Antiquity*.

Dr. M. A. Murray mietet fl-Isptar ta' Welwyn, fl-Ingilterra fl-14 ta' Novembru li għadda fil-għomor sabiħ ta' mitt sena. Fit-13 ta' Lulju tas-sena l-oħra għeluq il-mitt sena ta' għomorha, għamlet festin fl-Isptar u fih ipprezentat l-awtobijografija tagħha bl-isem ta' *My First Hundred Years*.

Hija kienet l-ewwel mara li għamlet skavi arkjoloġiċi għal rasha. Barra milli għamlet żmien tgħallem bħala Assistenta Professura tal-Lsien Eġizjan, hija ħadmet fl-iskavi fl-Eġittu, f'Malta u bnadijiet oħra. Meta kellha 70 sena hija damet ix-xhur fix-xagħri fost il-Bedwini tal-Affrika ta' Fuq biex tistudja d-drawwiet ta' dawk in-nies, liebsa ta' bedwina. Hija kienet waħda mill-iktar awtoritajiet kbar dwar is-sengħa tas-seħer. Hija baqgħet imsemmija fostna għal bosta xogħlijiet li għamlet fl-iskavi ma' tul is-snin, 1921 sal-1927 u 1932. Ma' tul dawn is-snin hija ħadmet flimkien ma' xi oħrajn fl-iskavi ta' Għar Dalam, f'Santa Marija ta' Bakkari, Borġ in-Nadur, fl-Għerien ta' Hal Saflieni, Haġar Qim, ix-Xagħra ta' Kordin, l-Imnajdra u l-Baħrija. Dwar ix-xogħlijiet li saru u oġġetti li nsabu f'dawn il-postijiet u l-valur tagħhom arkjoloġiku hija kitbet xogħol imsemmi *Excavations in Malta* imqassam fi tliet kotba mżejnin b'illustrazzjonijiet ta' fuħħar, għodod tal-metall, taż-żnied, kullani tal-għadam tal-ħut u fossili u xbihat tal-ġebel (statwetti). F'dawn il-kotba hemm ukoll xi kapituli miktubin minn oħrajn, fosthom minn C. Ainsworth Mitchell, Thomas J. Ward u G. Caton Thompson. L-aħħar xogħol ta' studju arkjoloġiku tagħha huwa l-*Corpus of the Bronze Age Pottery of Malta* (1934) fejn hija tagħti deskrizzjoni ta' reqqa kbira tal-fuħħar, għadam u oġġetti oħra ta' żmien il-Bronż, kif ukoll ta' żmien il-Haġar, fl-Imqades ta' Hal Tarxien u postijiet oħra, fosthom tal-Baħrija, u Borġ in-Nadur. F'dan l-istudju hija fissret xi teorji fuq il-proċess u dfin tal-mejtin, u ħruq ta' għadam tal-istess mejtin misjubin ġewwa ġarar, u fuq il-ħami u ħżuż (disinni) tal-fuħħar.

Kotba oħra li ippubblikat Miss Murray huma *Egyptian Temples* (Sampson Low-Maston & Co Ltd., London – bla data), *Elementary Egyptian Grammar* (Bernard Quarich, London, 1932) u *Maltese Folktales* (Empire Press, Malta, 1932) li kitbet flimkien mas-Sinjura Liża Galea, mart is-Sur Fonz Maria Galea. Dan il-krejjeb fih xi ħrejjef ta' Patri Manwel Magri, S.J.

maqlubin bl-Ingliż.

Qabel ma ltqajt magħha hawn Malta fl-1932 jien kont naf lil Miss Murray bħala membru fil-Kunsill tal-Folklore Society ta' Londra (1926). F'Awissu tal-1932, fil-waqt li kienet hawn Malta taħdem fl-iskavi, jien kelli x-xorti inkun nafha persunalment u nkellimha b'mezz tal-Professur Sir Temi Zammit fil-Mużew, il-Belt, fejn steditni għat-tè l-għada id-9 ta' Awissu fil-*Great Britain Hotel,* South Street, il-Belt. F'dik il-laqgħa Miss Murray urietni interess kbir fl-istudju tal-Isien Malti u fuq il-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti* u l-moviment li din kienet qanqlet għall-isvilupp tal-kitba Maltija, u billi dik il-ħabta jien kont Editur u Traduttur tal-Pubblikazzjonijiet bil-Malti fl-Istamperija tal-Gvern u ngħallem il-Malti fil-Klassijiet ta' fil-għaxija il-Liċeo, Miss Murray ħajritni nikteb grammatika elementari bl-Ingliż għall-użu tal-Ingliżi. Jien fissirtilha li fuq hekk kont qed nikteb grammatika bl-Ingliż għall-istudjużi ta' ilsna semitiċi, iżda hija wrietni li iktar kien jinħtieġ li ssir waħda b'metodu prattiku u li tkun ta' għajnuna biex l-Ingliżi u l-barranin jkunu jistgħu jaqraw il-Malti u jitkellmuh – ħaġa li jiena, għalkemm dejjem xtaqt u bdejt niktibha, qatt ma seħħli li nasal fi tmiemha mħabba xogħol ieħor li kelli nidħol għalih, fosthom żewġ grammatiki bil-Malti għall-Iskejjel.

Qabel ma tlaqt u ħadt b'idejn Miss Murray hija irregalatni u awtografat-li ż-żewġ kotba li kienet għadha kif ippubblikat l-*Elementary Egyptian Grammar* u l-*Maltese Folktales.*

Il-figura ta' Miss Murray, wara 31 sena, għadha quddiem għajnejja qisu lbieraħ, u bqajt ngħożżha għax dak in-nhar hija xegħlet fija ħeġġa ġdida biex nissokta fl-istudju xjentifiku u letterarju tal-Malti. Għalhekk issa li wara l-għomor ta' mitt sena hija telqet minn dil-ħajja li fiha ħalliet l-isbaħ isem ta' xogħlha ma nistax ma niftakarx fiha u ngħożż iż-żjara tagħha u l-laqgħa li kelli magħha bħala waħda mill-egħżeż tifkirijiet fil-ħajja letterarja tiegħi.

A. Cremona